# L-Istrateġija tal-EEA 2009–2013
# Programm ta' Ħidma Multiannwali





L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent

Kopertina: EEA
Impaġinazzjoni: EEA

**Avviż Legali**

Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-opinjonijiet uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea jew ta' istituzzjonijiet oħra tal-Komunitajiet Ewropej. La l-Aġenzjija Ewropea għall-Ambjent u lanqas persuni jew kumpaniji li jaħdmu f'isem l-Aġenzija ma huma responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan ir-rapport.

**Avviż dwar id-dritt tal-Awtur**
© EEA, Kopenħagen, 2009
L-ikkupjar huwa awtorizzat, diment li s-sors ikun rikonoxxut, ħlief fejn iddikjarat mod ieħor.

Tagħrif dwar l-Unjoni Ewropea huwa disponibbli fuq l-Internet. Tista' tidħol għalih permezz tas-server Europa (www.europa.eu).

Lussemburgu: Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2009.

ISBN 978-92-9213-019-0
DOI 10.2800/16576

**Produzzjoni ambjentali**

Din il-pubblikazzjoni hija stampata skont standards ambjentali għoljin.

**Stampat minn Schultz Grafisk**

— Ċertifikat tal-Ġestjoni Ambjentali: ISO 14001
— IQNet — In-Netwerk ta' Ċertifikazzjoni Internazzjonali DS/EN ISO 14001:2004

— Ċertifikat ta' Kwalità: ISO 9001: 2000
— Reġistrazzjoni EMAS. Liċenzja Nru. DK — 000235
— Ekotikkettar bin-Nordic Swan, liċenzja Nru 541 176

**Karta**

RePrint — 90 gsm.
CyclusOffset — 250 gsm.
Iż-żewġ kwalitajiet ta' karta huma karta riċiklata u kisbu l-ekotikketta Nordic Swan.

*Stampat id-Danimarka*

EMAS
Verified environmental management
REG.NO. DK-000244

Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent
Kongens Nytorv 6
1050 Kopenħagen K
Id-Danimarka
Tel.: +45 33 36 71 00
Fax: +45 33 36 71 99
Web: eea.europa.eu
Mistoqsijiet: eea.europa.eu/enquiries

# L-Istrateġija tal-EEA 2009–2013
# Programm ta' Ħidma Multiannwali

L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent

# L-EEA fil-qosor

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) hija korp pubbliku Ewropew dedikat sabiex jipprovdi tagħrif objettiv, affidabbli u komparabbli dwar l-ambjent. L-għan tal-EEA huwa li tiżgura li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-pubbliku inġenerali jinżammu infurmati dwar l-istat u l-prospetti tal-ambjent. L-EEA tipprovdi wkoll l-għarfien xjentifiku u indipendenti u l-appoġġ tekniku meħtieġa sabiex il-Komunità u l-pajjiżi membri jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri xierqa biex jipproteġu u jtejbu l-ambjent kif stabbilit mit-Trattat u mill-programmi ta' azzjoni suċċessivi tal-Komunità dwar l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli. L-EEA taħdem bi sħab ma' dipartimenti u aġenziji governattivi, konvenzjonijiet internazzjonali u korpi tan-NU, il-komunità xjentifika, is-settur privat u s-soċjetà ċivili.

L-EEA twettaq firxa komprensiva ta' valutazzjonijiet tematiċi u ambjentali integrati. Dawn jinkludu rapport kull ħames snin dwar l-istat u l-prospetti tal-ambjent, valutazzjonijiet tematiċi u settorjali, analiżijiet tal-effikaċja ta' miżuri politiċi, studji dwar il-ġejjieni u l-impatti tal-globalizzazzjoni fuq l-ambjent u r-riżorsi tal-Ewropa. L-EEA hija sors u għassiesa importanti ta' dejta u indikaturi relatati mal-ambjent u fornitriċi ewlenija ta' għarfien ambjentali u ta' servizzi ta' informazzjoni.

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) u n-netwerk Ewropew ta' informazzjoni u osservazzjoni tal-ambjent (Eionet) ġew stabbiliti permezz tar-Regolament tal-KEE 1210/90 fis-7 ta' Mejju1990 (kif emendat mir-Regolament tal-KE 933/1999 tad-29 ta' April 1999 u r-Regolament tal-KE 1641/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003). Id-deċiżjoni li l-Aġenzija tkun ibbażata f'Kopenħagen ittieħdet fl-1993 u l-EEA saret operattiva fl-1994. Ir-regolament li jistabblixxi l-Aġenzija jistipula għadd ta' kompiti (Artikolu 2) u oqsma ta' prijorità (Artikolu 3) għall-EEA; dawn jiġu indirizzati permezz tal-programmi ta' ħidma multiannwali u annwali tagħha.

L-istrateġija tal-EEA 2009–2013 hija r-raba' Programm ta' Ħidma Multiannwali tal-Aġenzija; dan ġie adottat mill-Bord ta' Mmaniġġjar tal-EEA permezz ta' proċedura bil-miktub wara t-52 laqgħa tiegħu fis-26 ta' Novembru 2008.

# Il-viżjoni tagħna

Li nkunu rikonoxxuti bħala l-korp ewlieni fid-dinja għall-provvista ta' dejta, informazzjoni, għarfien u valutazzjonijiet ambjentali Ewropej fil-pront, rilevanti u aċċessibbli.

# President tal-Bord ta' Mmaniġġjar tal-EEA



*Dott. Karsten Sach*

F'isem il-Bord nixtieq inrodd ħajr lill-President li għadu kif temm il-kariga tiegħu, Lars-Erik Liljelund, għat-tmexxija dedikata u effettiva tiegħu tal-Bord ta' Mmaniġġjar. F'dawn l-aħħar ftit snin, il-kwistjonijiet ta' politika ambjentali reġgħu telgħu 'il fuq fl-aġenda politika, prova dejjiema tal-ħidma tal-EEA, u li l-kontribut tagħha huwa aktar rilevanti minn qatt qabel.

L-EEA qiegħda f'pożizzjoni tajba biex tkompli tiżviluppa l-irwol tagħha bħala fornitriċi ta' tagħrif indipendenti u assigurat dwar l-ambjent. Barra minn hekk, u b'ħarsa lejn il-ħames snin li ġejjin, nixtieq nisħaq fuq xi wħud mill-kwistjonijiet strateġiċi tal-EEA.

Din l-Istrateġija ġdida sejra tkompli tappoġġja l-għanijiet tal-Programmi ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE. Għaldaqstant, it-tibdil fil-klima, in-natura u l-bijodiversità, l-ambjent u s-saħħa kif ukoll ir-riżorsi naturali u l-iskart sejrin jibqgħu il-qofol tal-ħidma tal-EEA. L-Istrateġija l-ġdida ser tmexxi 'l quddiem ukoll is-Sistema ta' Informazzjoni Ambjentali Kondiviża (*Shared Environmental Information System* — SEIS).

Il-valutazzjonijiet ambjentali integrati u l-antiċipazzjoni ta' ħsibijiet ġodda, b'mod speċjali rigward servizzi ta' ekosistemi, l-ekoeffikaċja u l-innovazzjonijiet u t-teknoloġiji emerġenti ser ikollhom rwol ewlieni fit-tfassil ta' politiki ambjentali Ewropej. Politiki ambjentali li jkunu mfassla sew huma meħtieġa u pożittivi għas-soċjetà u l-ekonomija tagħna.

L-EEA sejra tkompli taħdem mill-qrib mal-pajjiżi ġirien, b'mod partikolari r-reġjun tal-Balkani tal-Punent. Huwa importanti l-fatt li l-kooperazzjoni bikrija u mill-qrib tagħna mhux biss ittejjeb il-kwalità u l-kopertura tal-informazzjoni ambjentali, iżda għandha wkoll rwol x'tiżvolġi fl-istabilizzazzjoni tal-ambjent f'dawn il-pajjiżi.

Id-dinja usa' — ir-rapport tal-EEA 'L-ambjent tal-Ewropa — ir-raba' valutazzjoni', li tnieda fl-2007 u li huwa magħruf bħala r-rapport ta' Belgrad, ipprovda tagħrif aġġornat u affidabbli li huwa rilevanti għall-politika dwar l-interazzjonijiet bejn l-ambjent u s-soċjetà fil-livell pan-Ewropew, permezz ta' ħidma ma' 56 pajjiż. Dan ir-rapport spjega wkoll li biex il-politiki ambjentali jiġu implimentati b'suċċess jeħtieġ li naħdmu kemm fuq livell globali kif ukoll fuq livell reġjonali mal-atturi kollha.

Il-pubbliku, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, il-komunità xjentifika u l-politikanti, kollha bbenefikaw mill-ħidma li saret mill-Aġenzija, u din ix-xejra mistennija li tikber; it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, il-kwalità tal-ilma u tal-arja huma kollha kwistjonijiet li jqajmu dibattitu sħun.

Napprezza l-fatt li dan kollu jkompli jekk fil-qalba tiegħu jkun hemm EEA li tħares 'il quddiem, u li fi-ħames snin li ġejjin sejra tipprovdi informazzjoni innovattiva fil-ħin, rilevanti u soda.

# President tal-Kumitat Xjentifiku tal-EEA



*Professur László Somlyódy*

Sa minn meta ġiet stabbilita, il-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ġiet appoġġjata minn Kumitat Xjentifiku indipendenti, li huwa magħmul minn xjenzati ambjentali ta' kalibru għoli li flimkien ikopru firxa wiesgħa ta' oqsma ambjentali u jiżguraw is-sostenn xjentifiku għall-prodotti tal-Aġenzija. L-Aġenzija tkopri aġenda ambjentali wiesgħa u żżomm għajnejha miftuħin fuq tendenzi emerġenti. Għandha wkoll rwol ewlieni biex tiżgura l-konnessjoni xierqa bejn id-diskussjonijiet li jsiru fix-xena xjentifika u f'dik politika.

Il-Kumitat Xjentifiku jilqa' l-Programm ta' Ħidma Multiannwali l-ġdid tal-EEA għall-perijodu 2009–2013 bħala dokument komprensiv u bbilanċjat sew. Huwa jkopri mhux biss oqsma naturali, fiżiċi, bijoloġiċi, kimiċi u mekkaniċi, iżda jikkunsidra wkoll l-importanza tal-implikazzjonijiet politiċi, tal-ixprunaturi ekonomiċi u l-limitazzjonijiet soċjoloġiċi. Dan l-approċċ interdixxiplinarju jitpoġġa fil-qalba tal-programm permezz ta' għadd ta' temi relatati bejniethom u valutazzjonijiet ambjentali integrati li l-Aġenzija sejra tindirizza.

Ir-rapporti ta' kull ħames snin dwar l-Istat tal-Ambjent u l-valutazzjonijiet pan-Ewropej maħruġa mill-Aġenzija għenu biex jissawru l-prijoritajiet tal-programmi qafas tar-riċerka. F'dan ir-rigward nara li l-Kumitat Xjentifiku għandu rwol li jsir aktar attiv fl-għajnuna biex tiġi ffurmata l-aġenda tar-riċerka għal dawk l-oqsma li jkopri kif ukoll l-aġenda tar-riċerka madwar kwistjonijiet teknoloġiċi emerġenti bħalma huma l-bijoteknoloġiji u n-nanoteknoloġiji.

Huwa u jiffaċċja l-kwistjonijiet ambjentali, ekonomiċi, soċjali u teknoloġiċi mil-lat l-aktar olistiku, il-Kumitat Xjentifiku jista' jgħin fil-ħolqien ta' komunikazzjoni u fiż-żamma ta' djalogu mill-qrib mhux biss mal-imsieħba akkademiċi u dawk ta' riċerka, iżda wkoll ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-industrija u ċ-ċittadini.

Il-kuntest li taħdem fih l-EEA qed jinbidel b'pass imgħaġġel. Huwa importanti għalhekk li naħtfu l-opportunitajiet li jitfaċċaw minn żviluppi ġodda, bħalma hu l-GMES u inizjattivi ta' osservazzjoni ta' skala kbira oħrajn. Dawn huma mistennija li jibdlu sew il-mod kif nipprovdu d-dejta, l-informazzjoni u l-indikaturi.

Huwa partikolarment importanti li fil-perjodu 2009–2013, l-Aġenzija, bl-għajnuna tal-membri tal-Kumitat Xjentifiku, tkompli tinvestiga kwistjonijiet emerġenti għall-ippjanar futur tar-riċerka u tidentifika nuqqasijiet xjentifiċi u previżjonijiet fuq ir-riċerka ambjentali kemm fuq livell Ewropew kif ukoll fuq dak nazzjonali, li jista' jkollhom implikazzjonijiet għall-ġejjieni tal-ħafna sfidi li qiegħda tħabbat wiċċha magħhom l-Ewropa llum.

*Il-President il-ġdid elett tal-Kumitat Xjentifiku tal-EEA huwa Dott. Detlef Sprinz.*

# Id-Direttur Eżekuttiv tal-EEA



*Professoressa Jacqueline McGlade*

Din l-Istrateġija tal-EEA tiddeskrivi l-pjanijiet tagħna għall-ħames snin li ġejjin. Hija mfassla madwar il-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-lum u ta' għada b'enfasi ġenerali fuq użu usa' tal-informazzjoni ambjentali li qiegħda tinġabar. Qegħdin narmonizzaw l-attivitajiet tagħna, noħolqu modi ġodda ta' ħidma, u qegħdin niżviluppaw metodi ġodda biex nintegraw il-ħsieb ambjentali fit-tfassil tal-politika ekonomika u soċjali.

**Metodi ġodda kif ninterpretaw l-informazzjoni ambjentali**

Il-parti l-kbira tan-natura hija ġid pubbliku, ta' kulħadd, iżda mhux ikkurat minn kulħadd. Biex jgħinuna nagħtu valur lill-benefiċċji tan-natura sejrin ikollna nsibu modi kif inħallsu l-prezz xieraq għall-ħarsien u l-konservazzjoni tagħha. Fl-EEA, ser inkunu qed nibnu l-ekwivalenti ta' statistiċi uffiċjali għal servizzi ekoloġiċi u beni ambjentali; biex dawn jitpoġġew maġenb il-beni tradizzjonali tal-ekonomija tagħna. Fi triqitna sejrin nikkonfermaw il-bażi metodoloġika għal ftehim internazzjonali dwar verifiki ambjentali, u sejrin nipproduċu valutazzjoni tal-ekosistemi u servizzi Ewropej — Eureca 2012. Fil-ġejjieni sejrin inkunu kapaċi nuru kif il-kumpaniji u l-gvernijiet jistgħu jdaħħlu servizzi ta' ekosistemi biex jirristrutturaw l-ekonomija globali.

**Metodi ġodda kif nużaw l-informazzjoni ambjentali**

In-nies jeħtieġu informazzjoni aġġornata dwar l-ambjent tagħhom. Pereżempju, in-numru ta' nies milquta mill-espożizzjoni ta' livelli għoljin ta' ożonu u partiċelli qed jikber hekk kif iż-żoni urbani qegħdin ikomplu jikbru wkoll. Issa l-aċċess għal dejta li hija qrib tal-ħin reali huwa disponibbli permezz tas-sit web tal-EEA ddedikat għall-ożonu, u qiegħda tiġi introdotta lit-tobba u lill-isptarijiet biex tipprovdi sistema ta' allerta għal individwi vulnerabbli. Fl-EEA, sejrin nipprovdu dejta online dwar il-kwalità tal-arja, bl-użu ta' stazzjonijiet ta' monitoraġġ fuq l-art u osservazzjonijiet tad-dinja mill-programm GMES, sabiex l-imsieħba fil-qasam tas-saħħa jkunu jistgħu jifhmu aktar dwar il-mard respiratorju prevalenti relatat mal-ambjent.

**Metodi ġodda kif nidentifikaw problemi ambjentali emerġenti**

Huwa estremament importanti li nantiċipaw it-tip ta' informazzjoni li jkunu jeħtieġu dawk li jfasslu l-politika, l-industrija u ċ-ċittadini biex jieħdu deċiżjonijiet fil-futur. Permezz tal-pubblikazzjoni tagħna taħt għamla ġdida Sinjali, sejrin inressqu għall-attenzjoni tal-qarrejja tagħna dawk il-kwistjonijiet li aħna nikkunsidraw li probabbilment ikollhom impatt kbir fuq l-aġenda għas-sena li ġejja. Eżempji tipiċi fejn l-EEA ħadmet qabel it-talba pubblika huma l-agrofjuwils, is-sussidji tal-enerġija, il-valutazzjoni ta' servizzi ta' ekosistemi u r-radjazzjoni elettromanjetika. Xogħolna huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni, l-evalwazzjoni tal-piż tal-provi, it-teħid ta' deċiżjonijiet skont gradi differenti ta' inċertezza u l-użu ta' mudelli u xenarji ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet. Fil-ħames snin li ġejjin sejrin noħolqu kalkolu sempliċi li jagħtina l-opportunità li nantiċipaw l-impatti ambjentali potenzjali li jiżviluppaw mill-ixprunaturi soċjali u ekonomiċi tal-lum u ta' għada.

**Metodi ta' ħidma ġodda**

Hekk kif aktar u aktar nies qegħdin jikkonvinċu ruħhom dwar l-importanza tal-ambjent f'ħajjithom,

it-talba għal informazzjoni lokali affidabbli kibret b'mod enormi. Il-provvista ta' informazzjoni permezz tan-netwerks tal- EEA kienet esperjenza unika u pożittiva. Bl-użu ta' teknoloġiji u softwer aġġornati, konna kapaċi napprofittaw mill-progress xjentifiku fil-monitoraġġ u fl-osservazzjoni. Illum, hemm l-għarfien li l-osservaturi ċittadini, b'mod speċjali dawk li jgħixu f'reġjuni remoti, jew huma qrib l-ambjent minħabba t-tip ta' ħajja jew professjoni tagħhom, għandhom ħafna x'jgħidulna. Minħabba li jaħdmu f'reġjuni bħall-Artiku, huma spiss in-nies indiġeni li jindunaw bil-bidliet ħafna qabel kwalunkwe programm tajjeb ta' ġbir ta' kampjuni. Il-kombinazzjoni ta' dawn is-sorsi ta' provi mad-dinja formali tal-valutazzjoni u l-analiżi sejjer ikun importanti ħafna. L-EEA qiegħda testendi u tibni n-netwerk u s-sorsi tagħha għall-ossevazzjoni u l-ġbir tal-għarfien permezz tal-osservatorju tal-ambjent globali taċ-ċittadini. Matul il-ħames snin li ġejjin, sejrin inwessgħu l-għadd ta' applikazzjonijiet, permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni Ambjentali Kondiviża sabiex nipprovdu firxa wiesgħa ta' servizzi ta' monitoraġġ ambjentali minn dak globali għal dak lokali.



# Il-mira tagħna

Illum, il-maġġoranza tal-Ewropej jaqblu li l-ambjent għandu impatt sinifikanti fuq il-kwalità tal-ħajja tagħhom u li x-xejriet globali għandhom rwol sinifikanti f'dan. Jixtiequ jaraw li l-ambjent kif ukoll il-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali jiġu kkunsidrati f'deċiżjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mat-trasport, l-enerġija, l-akkomodazzjoni, l-agrikultura, is-sajd, l-ikel u s-saħħa. L-impriżi wkoll qegħdin ifittxu innovazzjonijiet aħjar u ekoeffiċjenti biex jiksbu standards ambjentali ogħla u jżommu l-kompetittività tagħhom fl-ekonomija.

Matul dawn l-aħħar 30 sena, l-Ewropej raw tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' inkwinanti tal-arja, tnaqqis ta' 95 % fil-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi li jagħmlu ħsara lill-ożonu, il-ħolqien ta' trattat għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra, skema innovattiva ta' skambju u ta' kumpens tal-emissjonijiet ta' $CO_2$, il-protezzjoni tal-flora u l-fawna, titjib fil-kwalità tal-ilma ħelu u tal-ibħra kostali u aċċess universali għal ilma li huwa tajjeb għax-xorb. Ħafna minn dan it-titjib seta' jsir permezz tal-implimentazzjoni tal-acquis communautaire dwar l-ambjent.

Fl-istess waqt, iċ-ċittadini għadhom imħassba dwar it-tibdil fil-klima, il-kwalità tal-arja li jieħdu ma' kull nifs, kif sejrin jindirizzaw il-problema tal-iskart u l-impatti tas-sustanzi kimiċi. Għandhom ħafna mistoqsijiet dwar dak li qed jiġri lill-ambjent u kif dan sejjer jolqot lilhom u lill-ġenerazzjonijiet futuri.

Il-mira tagħna fl-EEA hija li nipprovdu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u liċ-ċittadini Ewropej b'aċċess għal informazzjoni u għarfien fil-pront u rilevanti biex jipprovdu bażi b'saħħitha għall-politiki ambjentali, biex ngħinu nsibu tweġiba għall-mistoqsijiet tagħhom dwar l-ambjent fil-ħajja tagħhom ta' kuljum u li niżguraw li l-ħsieb u l-edukazzjoni dwar l-ambjent jitpoġġew fil-qalba tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Aħna qegħdin nimmiraw li niksbu dan fil-ħames snin li ġejjin billi:

- inkomplu nappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali Ewropea permezz ta' analiżijiet u valutazzjonijiet tal-ambjent Ewropew;
- niżguraw aċċess kontinwu għal dejta, informazzjoni u servizzi ambjentali ta' kwalità għolja;
- nipproduċu valutazzjonijiet ambjentali integrati u studji dwar il-ġejjieni għall-Ewropa dejjem aktar fil-kuntest globali;
- nindirizzaw prijoritajiet ambjentali kritiċi hekk kif dawn jitfaċċaw fuq l-aġenda politika;
- intejbu l-komunikazzjonijiet u t-tixrid ta' informazzjoni multilingwi, multimedjali u faċli biex tintuża lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u liċ-ċittadini.

# L-istrateġija tagħna għall-2009–2013

Dawn l-aħħar ftit snin raw għarfien dejjem akbar dwar it-tibdil ambjentali u l-ħtieġa għal azzjoni politika urġenti. Dan min-naħa tiegħu wassal għal splużjoni qawwija ta' inizjattivi u istituzzjonijiet ambjentali. L-istrateġija tagħna timmira li twieġeb għal dawn il-bidliet billi tiffoka fuq il-konsolidament u t-titjib taż-żmien, tar-riżoluzzjoni spazjali u l-kwalità tal-flussi ta' dejta ambjentali, tistabbilixxi sorsi ġodda ta' dejta fejn huwa meħtieġ u tinkuraġġixxi integrazzjoni akbar ta' għarfien dwar ir-rabtiet bejn l-ekosistemi u l-oqsma soċjoekonomiċi ewlenin u ttejjeb il-kwalità u l-effikaċja tal-edukazzjoni ambjentali fl-Ewropa.

L-Istrateġija tal-EEA 2009–2013 hija r-raba' Programm ta' Ħidma Multiannwali. Din tibni fuq ir-riżultati ta' suċċess tal-istrateġija preċedenti tagħna għall-2004–2008, li kienet ibbażata fuq il-prijoritajiet ewlenin tas-sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali u li stabbiliet lill-Aġenzija bħala l-fornitiċi ewlenija fl-Ewropa f'dak li għandu x'jaqsam ma' dejta, informazzjoni u għarfien ambjentali.

L-evalwazzjoni tal-effikaċja tal-EEA tal-2008 kienet tgħid li '*L-Aġenzija hija... l-aktar mod effiċjenti kif jitwasslu l-prodotti u s-servizzi meħtieġa mill-partijiet interessati. ... Huwa diffiċli li wieħed jara ... kif l-għoti ta' informazzjoni imparzjali u affidabbli, jista' jsir permezz ta' kwalunkwe mekkaniżmu ieħor possibbli disponibbli għall-organizzazzjonijiet Ewropej*'.

L-evalwazzjoni tal-2008 għamlet ukoll numru ta' rakkomandazzjonijet fuq il-ħolqien tal-prijoritajiet u t-tixrid. Fuq dawn, ittieħdet azzjoni fit-tfassil tal-prijoritajiet futuri u l-forma tar-riżorsi tal-Aġenzija.

L-istrateġija l-ġdida tagħna hija mibnija fuq tliet attivitajiet ewlenin:

- il-kontinwazzjoni tal-appoġġ tal-ħtiġijiet ta' informazzjoni kif stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE u dik internazzjonali u b'mod speċjali tas-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tagħha;
- l-għoti ta' evalwazzjonijiet aktar fil-pront dwar kif u għaliex qed jinbidel l-ambjent u jekk il-politiki ambjentali, inkluż is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali, l-Istrateġija tal-UE dwar l-Iżvilupp Sostenibbli u dawk f'oqsma relatati kinux effikaċi;
- it-titjib tal-koordinament u t-tixrid ta' dejta u għarfien ambjentali madwar l-Ewropea.

Dan id-dokument strateġiku jiddeskrivi l-attivitajiet tal-EEA f'erba' oqsma:

- Temi ambjentali
- Temi trasversali
- Valutazzjoni ambjentali integrata
- Servizzi tal-informazzjoni u komunikazzjonijiet.

Żewġ oqsma strateġiċi oħra jkopru l-operazzjonijiet tal-EEA, l-amministrazzjoni u l-governanza.

# Objettivi

## L-objettiv fundamentali tagħna għall- 2009–2013

L-objettiv fundamentali tal-EEA sejjer ikun il-ħolqien ta' settijiet ta' dejta u indikaturi ambjentali integrati Ewropej, pan-Ewropej u reġjonali, valutazzjonijiet u analiżijiet tematiċi sabiex nipprovdu bażi ta' deċiżjoni soda għall-politiki ambjentali fl-UE u fil-pajjiżi Membri u għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati u dawk koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat.

Sejrin inkomplu naħdmu b'mod intensiv ma' Eionet, pajjiżi li qegħdin jikkooperaw u ma' firxa wiesgħa ta' istituzzjonijiet imsieħba, inkluż il-Kummissjoni Ewropea, dipartimenti u aġenziji governattivi, konvenzjonijiet internazzjonali u korpi tan-NU, il-komunitajiet xjentifiċi, tekniċi u ta' riċerka, is-settur privat u s-soċjetà ċivili, sabiex niżguraw ir-rilevanza u l-kwalità tad-dejta, l-analiżijiet u l-informazzjoni li nipprovdu.

## L-objettivi strateġiċi tagħna huma li:

- ikollna rwol fundamentali fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' politiki ambjentali Ewropej u oqsma relatati, b'mod speċjali il-Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Kummissjoni Ewropea;
- nimmonitorjaw l-effikaċja tal-politiki ambjentali tal-UE u tal-pajjiżi membri tal-EEA u f'pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati;
- nappoġġjaw il-monitoraġġ tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (permezz ta' assistenza għall-Indikaturi tal-Iżvilupp Sostenibbli) billi niffukaw fuq kwistjonijiet ewlenin li huma relatati mal-ambjent;
- inwettqu valutazzjonijiet ambjentali integrati u analiżijiet tas-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali u tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, temi ambjentali, studji dwar il-ġejjieni u twissijiet bikrija marbuta mal-bidliet fl-istrutturi soċjetali u ekonomiċi;
- nipprovdu aċċess għal informazzjoni aġġornata b'mod aktar regolari u fejn huwa possibbli għal dejta qrib il-ħin reali biex intejbu l-prontezza tal-informazzjoni ambjentali permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni Ambjentali Kondiviża u ċ-Ċentri tad-Dejta Ambjentali;
- nantiċipaw ideat u ħsibijiet ġodda, b'mod speċjali rigward servizzi ta' ekosistemi, l-użu tar-riżorsi u teknoloġiji u innovazzjonijiet emerġenti u bidliet fl-imġiba;
- niżviluppaw servizzi ġodda bbażati fuq il-web għall-ħtiġijiet edukattivi ambjentali;
- ngħinu niżguraw, permezz ta' servizzi effettivi ta' komunikazzjoni u informazzjoni, li l-ħsieb ambjentali jitqiegħed fil-qalba tat-teħid ta' deċiżjonijiet u tal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej.

# Azzjonijiet ewlenin

## L-azzjonijiet ewlenin tagħna għall-2009–2013

**Fl-2009 aħna sejrin ...**

- inniedu servizzi ta' informazzjoni fl-oqsma tal-ħames Ċentri ta' Dejta Ambjentali fil-kwalità tal-arja, it-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, l-ilma ħelu, (inkluż indikaturi dwar il-bilanċi tal-ilma permezz ta' informazzjoni WISE u ĊKR dwar ir-riskju tal-għargħar u n-nixfa), l-użu tal-baħar u tal-art, u nistabbilixxu ħtiġijiet ta' dejta għall-vulnerabbiltà u l-adattament, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tad-diżastri;
- nistabbilixxu l-infrastruttura ta' appoġġ tal-EEA għas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni Ambjentali Kondiviża (SEIS) u għal Inspire, billi ntejbu d-disponibbiltà ta' dejta online u s-servizzi fuq il-web;
- nikkoordinaw il-provvediment ta' dejta *in-situ* għas-servizzi GMES u ngħaqqduhom mas-Sistema Globali tas-Sistemi tal-Osservazzjoni tad-Dinja;
- nappoġġjaw l-evalwazzjonijiet ambjentali tal-makroreġjun tal-Baltiku taħt il-Presidenza Żvediża;
- nipprovdu kontributi analitiċi ewlenin għall-*Green New Deal* globali u għall-ippjanar ta' ekonomija b'livell baxx ta' karbonju għall-Ewropa;
- nipproduċu żewġ pubblikazzjonijiet ewlenin tal-EEA dwar it-twissijiet bikrija;
- nappoġġjaw id-deliberazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima li jwasslu sal-laqgħa tal-UNFCCC COP15 f'Kopenħagen;
- nirrappurtaw dwar il-progress tat-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità permezz tas-Simplifikazzjoni tal-indikaturi tal-bijodiversità Ewropej tal-2010.

**Fl-2010 aħna sejrin ...**

- nipproduċu l-valutazzjoni ambjentali integrata regolari tal-EEA dwar l-istat u l-ġejjieni tal-ambjent Ewropew (SOER) billi niffukaw fuq prijoritajiet politiċi operattivi u strateġiċi, inklużi dawk tal-pajjiżi kandidati u tal-pajjiżi potenzjalment kandidati (is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali u l-Istrateġija tal-UE dwar l-Iżvilupp Sostenibbli) u tabella ta' punti għall-prestazzjoni ambjentali;
- nipproduċu analiżi ta' kif wasalna għall-ftehimiet tal-UE dwar il-kisba ta' ekonomija b'livell baxx ta' karbonju u ekoloġika sal-2050;
- flimkien maċ-ĊKR, nipprovdu analiżijiet kontinwi ta' punti ta' rakkomandazzjonijiet ambjentali globali;
- nistabbilixxu servizz ta' mapep tal-vulnerabbiltà u l-adattament u informazzjoni għall-ġestjoni u l-prevenzjoni tad-diżastri fl-Ewropa;
- nappoġġjaw valutazzjonijiet fir-reġjun Mediterranju u attivitajiet rilevanti oħrajn taħt il-Presidenza Spanjola u Belġjana.

**Fl-2011 aħna sejrin ...**

- nappoġġjaw ir-rappurtar ambjentali fi ħdan il-Politika Ewropea tal-Viċinat;
- inlestu valutazzjoni relatata mal-ispiża tan-nuqqas ta' azzjoni rigward il-ħsara lis-servizzi ta' ekosistemi u lill-benesseri tal-bniedem.

**Fl-2012 aħna sejrin ...**

- nipproduċu valutazzjoni tas-servizzi tal-ekosistemi Ewropej — Eureca 2012;
- nappoġġjaw l-eżami fuq livell tal-UE tal-istat tal-ambjent tal-ilma u tal-ilma tal-pjan permezz tal-WISE.

**Fl-2013 aħna sejrin ...**

- nappoġġjaw l-eżami tar-riżultati ambjentali tas-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali u l-Istrateġija tal-UE dwar l-Iżvilupp Sostenibbli.

**Matul il-ħames snin aħna sejrin...**

- inżommu u nwessgħu il-flussi ta' dejta ambjentali u servizzi ta' informazzjoni tal-EEA permezz ta' Reportnet u l-ħames Ċentri ta' Dejta Ambjentali tal-EEA;
- nikkooperaw mal-Eurostat, ĊKR u d-DĠ Ambjent, billi niffukaw fuq l-indikaturi, is-simplifikazzjoni u l-prontezza tad-dejta fi ħdan il-ftehim tal-Grupp tal-Erbgħa;
- naħdmu flimkien mad-DĠ Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku u proġetti ta' riċerka ffinanzjati mill-UE biex nagħmlu użu aħjar mill-prodotti u r-riżultati;
- nagħmlu valutazzjonijiet tematiċi, studji ta' twissijiet bikrija, analiżijiet dwar futuri strateġiċi u valutazzjonijiet ta' informazzjoni relatati mal-eżiġenzi politiċi għal firxa ta' sfidi ambjentali kumplessi u serji li dejjem qegħdin jinbidlu;
- nappoġġjaw il-ħidma tal-Eurostat dwar l-Indikaturi tal-Iżvilupp Sostenibbli;
- insegwu il-progress biex jintlaħqu l-miri tal-politika, l-effikaċja tal-politiki tal-ambjent u dawk relatati u l-indikaturi dwar it-tweġibiet politiċi;
- nagħmlu evalwazzjonijiet regolari tal-effikaċja tal-EEA;
- inwessgħu l-komunikazzjonijiet tal-EEA lill-pubbliku, lil dawk li jfasslu l-politiki u lill-esperti permezz ta' informazzjoni multilingwi, multimedjali u faċli biex tintuża, b'mod partikolari fl-oqsma tat-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, l-ekosistemi u d-dimensjoni ekoloġika tal-ekonomija.

# In-Netwerks u l-governanza tagħna

L-EEA hija regolata minn Bord ta' Mmaniġġjar magħmul mill-pajjiżi membri tiegħu, u minn rappreżentanti mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Bureau huwa magħmul mill-President u l-Viċi Presidenti tal-Bord ta' Mmaniġġjar. Kull pajjiż membru għandu membru fil-Bord ta' Mmaniġġjar appoġġjat minn punt fokali nazzjonali (NFP) u għadd ta' ċentri ta' referenza nazzjonali (NRC) u punti ta' kuntatt prinċipali.

L-EEA għandha Kumitat Xjentifiku, magħmul minn esperti indipendenti fil-qasam tal-ambjent, inklużi esperti soċjali u esperti settorjali. Il-Kumitat joffri konsulenza lill-persunal tal-EEA u jagħti l-opinjonijiet tiegħu dwar kwistjonijiet differenti.

Eionet — in-netwerk Ewropew ta' informazzjoni u osservazzjoni tal-ambjent, li jkopri 39 pajjiż membru u li qed jikkooperaw — huwa s-sħubija unika bejn l-EEA u l-pajjiżi membri tagħha u huwa essenzjali għall-attivitajiet ta' netwerk tal-EEA. B'kollox hemm madwar 400 persuna involuti f'Eionet.

L-evalwazzjoni tal-2008 tal-effikaċja tal-Aġenzija kkonfermat li '*Il-ħolqien ta' din is-sistema ta' netwerk...huwa meqjus bħala waħda mill-kisbiet ewlenin tal-EEA, u fattur ewlieni biex hi tkun tista'* tilħaq l-objettivi tagħha'.

Eionet huwa magħruf sew għall-appoġġ lil bosta forom ta' kooperazzjoni u huwa eżempju pożittiv ta' sħubija istituzzjonali u teknika. Eionet huwa partikolarment effikaċi fil-promozzjoni tiegħu ta' governanza tajba f'attivitajiet Ewropej u internazzjonali ta' monitoraġġ u rappurtar ambjentali, bħalma huma s-Sistema Globali tas-Sistemi tal-Osservazzjoni tad-Dinja u l-Ħarsien Ambjentali tan-NU.

Netwerks oħrajn li l-EEA tinteraġixxi magħhom jinkludu l-Kapijiet tal-Aġenziji Ewropej, tal-Aġenziji għall-Ħarsien tal-Ambjent, u ta' Aġenziji għall-Konservazzjoni Ambjentali, il-Presidenti ta-Kumitati Xjentifiċi tal-Aġenziji tal-UE u tal-Korpi Komunitarji, netwerks stabbiliti skont il-Programm tal-Viċinat tal-UE, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Mediterran, u fi ħdan il-Kunsilli Nordiċi u Artiċi, netwerks internazzjonali inklużi dawk stabbiliti skont in-NU u konvenzjonijiet ambjentali multilaterali u diversi netwerks internazzjonali u Ewropej ta' riċerka.

Aħna sejrin nimpenjaw ruħna f'dan il-qasam ta' ħidma permezz tal-qasam strateġiku:

- Governanza u sħubiji tal-EEA.



# It-twettiq tal-objettivi

L-EAA għandha persunal li ġej minn madwar it-32 pajjiż membru. Għandha wkoll għadd ta’ esperti nazzjonali.

Il-kapaċità ta’ ħidma tal-EEA hija mtejba permezz tal-ħames Ċentri Tematiċi Ewropej (ETC) tagħha fl-oqsma tal-Arja u t-Tibdil fil-Klima, id-Diversità Bijoloġika, l-Użu tal-Art u l-Informazzjoni Spazjali, l-Ilma u l-Produzzjoni u l-Konsum Sostenibbli. Iċ-ċentri tematiċi huma mifruxin madwar il-pajjiżi membri tal-EEA.

Il-parti l-kbira tal-ħidma ta’ kuljum tal-Aġenzija hija mal-membri tal-Grupp tal-Erbgħa — magħmul mill-EEA, u d-Direttorati Ġenerali għall-Ambjent, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u l-Eurostat. L-għan tal-grupp huwa li jagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi billi jissimplifika r-rappurtar ambjentali u jipprovdi web hosting komuni għal għaxar oqsma tematiċi. Iċ-Ċentri tad-Dejta Ambjentali jinkludu t-tibdil fil-klima, l-ilma, l-arja, il-bijodiversità, u l-użu tal-art (immexxija mill-EEA), il-foresti u l-ħamrija (immexxija miċ-ĊKR) u l-iskart, ir-riżorsi naturali u l-prodotti (immexxija mill-Eurostat).

Matul il-ħames snin li ġejjin sejrin inkomplu nimplimentaw Sistema ġdida ta’ Tmexxija ta’ Kwalità u Ppjanar ta’ Kontinwità tal-Attivitajiet, inkomplu nadottaw kull dispożizzjoni li jifdal skont ir-Regolament tal-Persunal u nagħmlu reviżjonijiet tas-sistema ta’ ġestjoni tal-indikaturi eżistenti tagħna, ir-rappurtar ta’ dejta, sistema ta’ tmexxija interna u tabella ta’ punti bbilanċjata biex tindika b’mod ċar ir-rabta bejn ix-xogħol mibdi, ir-riżorsi użati u r-riżultati miksuba.

L-evalwazzjoni tal-effikaċja tal-2008 ddikjarat li *‘L-Aġenzija kienet ukoll kapaċi tissodisfa iżjed talbiet ta’ informazzjoni mingħajr żieda fuq skala simili fir-riżorsi, li jixhed il-kisbiet fl-effiċjenza fi ħdan l-organizzazzjoni’*. Fl-Aġenzija nagħmlu ħilitna biex nagħtu valur għall-flus f’aġenda ambjentali enormi. Dan huwa essenzjali fil-klima tal-lum ta’ pressjoni finanzjarja akbar u n-numru dejjem jiżdied ta’ organizzazzjonijiet li qegħdin jaħdmu fuq kwistjonijiet ambjentali.

Aħna nimmiraw li nagħmlu l-aħjar użu possibbli mir-riżorsi tal-Aġenzija għax-xogħol ambjentali tagħna billi:

- niksbu l-miri ambjentali tagħna tal-EMAS kull sena;
- norganizzaw ruħna mill-ġdid biex ngħinu lill-Aġenzija tieħu azzjoni aktar malajr u tkun waħda aktar flessibbli;
- nevitaw id-dupplikazzjoni tax-xogħol ma’ istituzzjonijiet oħrajn tal-UE;
- nikkoordinaw mal-persunal fil-Kummissjoni Ewropea fuq ix-xogħol tematiku tagħna u biex niżguraw konsistenza amministrattiva;
- nagħmlu l-aħjar użu mill-azzjonijiet ambjentali kollha ffinanzjati mill-Ewropa;
- inkomplu ntejbu l-mod kif nikkomunikaw u nipprovdu informazzjoni lill-partijiet interessati ewlenin tagħna u liċ-ċittadini;
- inkomplu nagħmlu l-aħjar użu mid-disponibbiltà u l-effiċjenza tal-persunal billi niffukaw fuq is-saħħa u l-benesseri.

L-attivitajiet tagħna għat-twettiq tal-objettivi sejrin isiru permezz tal-qasam strateġiku tagħna:

- It-tmexxija u l-amministrazzjoni interna tal-EEA.

# Oqsma strateġiċi

**1 Temi ambjentali**

1.1 Kwalità tal-arja
1.2 Emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja
1.3 Bijodiversità
1.4 Emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra
1.5 Ilma ħelu
1.6 Baħar

**2 Temi trasversali**

2.1 Impatti tat-tibdil fil-klima
2.2 Vulnerabbiltà u adattament
2.3 Ekosistemi
2.4 Ambjent u saħħa
2.5 Settur marittimu
2.6 Konsum u produzzjoni sostenibbli u iskart
2.7 Użu tal-art
2.8 Agrikoltura u foresterija
2.9 Enerġija
2.10 Trasport

**3 Valutazzjoni ambjentali integrata**

3.1 Valutazzjoni ambjentali integrata
3.2 Valutazzjoni reġjonali u globali
3.3 Appoġġ fit-teħid ta' deċiżjonijiet
3.4 Ekonomija
3.5 Prospetti strateġiċi

**4 Servizzi tal-informazzjoni u komunikazzjonijiet**

4.1 Sistema ta' Informazzjoni Ambjentali Kondiviża
4.2 Komunikazzjonijiet

# Qasam strateġiku 1   Temi ambjentali



Wieħed mir-rwoli fundamentali tal-EEA huwa li tappoġġja l-politika ambjentali tal-UE billi tintraċċa u tirrapporta r-riżultati tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE fil-pajjiżi membri kollha tal-EEA. Dan jinvolvi l-ħolqien u ż-żamma ta' mekkaniżmi ta' rappurtar, l-iżvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni Ambjentali Kondiviża, l-implimentazzjoni ta' Inspire, proċeduri ta' garanzija tal-kwalità, kwadri analitiċi u riżultati standardizzati f'termini ta' settijiet ta' dejta, indikaturi u valutazzjonijiet tematiċi integrati għal għadd ta' temi ambjentali bħall-kwalità tal-arja u l-emissjonijiet ta' inkwinanti, l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra, l-ambjenti tal-ilma ħelu u tal-baħar. Ix-xogħol jinkludi, fost l-oħrajn, analiżijiet tal-ispejjeż ta' azzjoni/nuqqas ta' azzjoni, evalwazzjonijiet tal-effikaċja, valutazzjonijiet tad-distanza mill-mira b'rabta ma' miri politiċi miftiehma u valuri ta' referenza fuq żmien twil, u prospetti għall-ġejjieni fil-perjodu 2020–2030.

It-talba għal xogħol ta' dan it-tip hija mistennija li tkompli u tiżviluppa fil-ħames snin li ġejjin hekk kif jevolvu l-politiki u l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE. L-elementi ewlenin f'dan il-perjodu sejrin ikunu: ftehim globali f'Kopenħagen fil-ħarifa 2009 dwar tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra (GHG) wara l-2012; l-implimentazzjoni tal-iskema riveduta ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-UE għall-2008–2012; miri nazzjonali miftiehma sal-2020 għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra fl-UE; reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Limiti tal-Emissjonijiet Nazzjonali u Direttivi Integrati dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll tat-Tniġġis fl-2009, l-implimentazzjoni tad-Direttiva l-ġdida dwar l-Arja Nadifa għall-Ewropa (CAFE), progress dwar l-ilħuq tal-mira li jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità sal-2010, l-ewwel parti ta' Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini tax-Xmajjar u programmi ta' miżuri relatati taħt id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma fl-2009, u l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Istrateġija għall-Baħar adottata dan l-aħħar. L-EEA sejra tibni fuq u tadatta il-flussi ta' dejta, indikaturi u valutazzjonijiet eżistenti sabiex tissodisfa dawn il-ħtiġijiet li jinbidlu.

**Objettivi ġenerali għall-2009–2013**

L-appoġġ tal-iżvilupp u tal-evalwazzjoni tal-politika fi ħdan it-temi ambjentali koperti mill-acquis communautaire u oqsma relatati permezz ta':

- garanzija ta' aċċess sħiħ, permezz ta' SEIS u ċ-Ċentri tad-Dejta Ambjentali tal-EEA, għad-dejta ta' kwalità garantita li hija meħtieġa sabiex tappoġġja l-ħidma fil-livell Ewropew fuq indikaturi u valutazzjonijiet integrati;

- żamma u żvilupp ta' indikaturi rilevanti tal-EEA fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Indikaturi;

- provvista ta' analiżijiet tematiċi, valutazzjonijiet u metodoloġiji bħala appoġġ għad-diversi aġendi ta' politika tematika; u

- twettiq ta' evalwazzjonijiet tal-effikaċja eżistenti ta' politiki u prospetti għall-futur fil-perjodu 2020–2030.

Ix-xogħol huwa maqsum f'temi ambjentali maġġuri f'konformità ma' dawk taħt is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Kummissjoni Ewropea:

- **Kwalità tal-arja**
- **Emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja**
- **Bijodiversità**
- **Emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra**
- **Ilma ħelu**
- **Baħar**

# 1.1 Kwalità tal-arja

## L-objettiv ewlieni tagħna

Li nipprovdu valutazzjonijiet tal-kwalità tal-arja u tat-tniġġis tal-arja fl-Ewropa, b'mod speċjali f'żoni urbani u rurali, ibbażati fuq dejta u indikaturi ta' kwalità garantita, aġġornati u fejn possibbli fil-pront; b'mod partikolari niffukaw fuq il-partiċelli, l-ożonu, l-inkwinanti tossiċi u perikolużi, l-emissjonijiet settorjali, il-progress lejn u prospetti għall-kisba ta' miri politiċi ta' kwalità tal-arja fuq żmien qasir u żmien twil u kontributi fil-valutazzjonijiet tal-impatti tal-kwalità tal-arja fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ekosistemi.

## Analiżi

Għalkemm il-kwalità tal-arja ta' madwarna ([1]) qiegħda titjieb b'mod stabbli fl-Ewropa, għad fadal triq twila sakemm jintlaħqu l-miri fuq żmien twil li jipproteġu saħħet il-bniedem u l-ambjent. Għad fadal impatti sostanzjali fuq saħħet il-bniedem, l-ekosistemi, l-għelejjel u l-foresti minħabba l-preżenza ta' partiċelli, bħalma huma $PM_{10}$ u $PM_{2.5}$, l-ożonu, inkwinanti tossiċi u perikolużi fl-arja ta' madwarna u d-depożitu ta' sustanzi varji. Punti importanti fil-perjodu tal-istrateġija li jmiss sejrin ikunu l-implimentazzjoni tad-Direttiva l-ġdida Arja Nadifa għall-Ewropa u r-reviżjoni tagħha (2013), ir-reviżjoni tal-Istrateġija Tematika dwar it-tniġġis tal-Arja (2010) u r-reviżjoni attwali tad-Direttiva dwar il-Livelli Nazzjonali Massimi tal-Emissjonijiet.

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- nipprovdu dejta, mapep, indikaturi ta' kwalità garantita aġġornati u fejn hu possibbli fil-pront, u aċċess effiċjenti għal siti web rilevanti dwar il-kwalità tal-arja ambjentali permezz ta' SEIS u ċ-Ċentru tad-Dejta tal-EEA dwar l-Arja;
- nipproduċu valutazzjonijiet integrati u mmirati tat-tniġġis tal-arja u tal-ħsejjes, l-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u l-effikaċja u l-kobenefiċċji ta' politiki u miżuri relatati;
- nipprovdu valutazzjonijiet annwali tal-livelli tal-ożonu fis-sajf (f'konformità mad-Direttiva dwar l-Ożonu fl-Arja Ambjentali) u tal-kwalità tal-arja f'żoni u agglomerazzjonijiet (f'konformità mad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali);
- nikkontribwixxu għall-valutazzjonijiet u l-analiżijiet ambjentali integrati tal-EEA dwar l-ambjent u s-saħħa billi nagħmlu użu usa' ta' tekniki ta' mudellar u tekniki ta' mmappjar spazjali avvanzati u Inspire fix-xogħol tagħna;
- naħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib ma' Eionet, iċ-Ċentru Tematiku Ewropew għall-Arja u t-Tibdil fil-Klima, is-servizzi atmosferiċi tal-GMES, l-Eurostat, iċ-ĊKR u servizzi oħra tal-KE, il-WHO, l-UNECE (il-programmi, ċentri u task forces rilevanti taħt din il-Konvenzjoni), in-netwerk ta' laboratorji ta' referenza nazzjonali dwar il-kontroll tal-kwalità/garanzija tal-kwalità tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja, fornituri tad-dejta oħrajn bħalma huma korpi reġjonali, bliet, istituti industrijali u xjentifiċi, ta' riċerka u tas-soċjetà; u
- intejbu l-użu tal-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja permezz ta' servizzi multimedjali, faċli għall-użu, u interattivi.

([1]) Il-kwistjoni tat-tniġġis ġewwa hija koperta fit-tema trasversali 'Ambjent u saħħa'.

# 1.2 Emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja

## L-objettiv ewlieni tagħna

Li nipprovdu valutazzjonijiet relatati mal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu, inklużi inkwinanti tossiċi u perikolużi, fl-arja u fejn hu rilevanti f'mezzi oħra. Dan ser jinkludi l-intraċċar tal-progress lejn, u l-provvista ta' prospetti għall-kisbiet ta' miri inter alia kif definiti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u dik internazzjonali u l-evalwazzjoni tal-effikaċja ta' politiki u miżuri Ewropej sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet.

## Analiżi

Għalkemm l-emissjonijiet tal-inkwinanti ewlenin tal-arja naqsu f'dawn l-aħħar snin, it-tniġġis tal-arja għadu jikkawża impatti negattivi sostanzjali fuq is-saħħa tal-bniedem, l-ekosistemi u l-għelejjel. L-emissjonijiet li jniġġsu u li ġeneralment ikunu ġejjin minn impjanti kbar u żgħar, u sorsi ta' tixrid, bħalma huma t-trasport, l-agrikoltura u d-djar, qegħdin ikomplu joħolqu tħassib.

Fl-2009, il-Protokoll ta' Gothenburg UNECE LRTAP għat-trażżin tal-aċidifikazzjoni, l-ewtrofizzazzjoni u l-ożonu fil-livell tal-art kif ukoll iż-żewġ Direttivi dwar il-Limiti Massimi Nazzjonali tal-Emissjonijiet (NEC) u dwar il-Prevenzjoni Integrata ta' Tniġġis u Kontroll (IPPC) sejrin ikunu għadhom taħt reviżjoni. Barra minn hekk, lejn l-aħħar tal-2009 ser ikun introdott ir-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (E-PRTR), li jieħu post ir-Reġistru Ewropew dwar l-Emissjonijiet ta' Inkwinanti (EPER).

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- nipprovdu dejta, indikaturi ta' kwalità garantita aġġornati u fejn hu possibbli fil-pront, u aċċess effiċjenti għal siti web rilevanti dwar l-emissjonijiet ta' inkwinanti tal-arja permezz ta' SEIS u ċ-Ċentru tad-Dejta tal-EEA dwar l-Arja;

- nappoġġjaw lill-Kummissjoni Ewropea fit-titjib tal-ġbir u r-rappurtar tad-dejta dwar l-emissjonijiet ta' inkwinanti tal-arja u ta' gassijiet b'effett serra skont diversi leġiżlazzjonijiet eżistenti, inkluża d-Direttiva NEC u l-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ tal-gassijiet b'effett serra;

- nipproduċu r-rapporti tal-inventarju dwar l-emissjonijiet annwali tal-UE għall-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis tal-Arja Transkonfinali fuq Medda Twila tal-UNECE u d-Direttiva dwar il-Limiti Massimi Nazzjonali tal-Emissjonijiet u flimkien mal-EMEP ir-reviżjoni tad-dejta tal-inventarju dwar l-emissjonijiet nazzjonali tal-arja;

- nipprovdu valutazzjonijiet dwar sinerġiji u kompromessi bejn politiki ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' inkwinanti tal-arja u l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra u dwar l-effikaċja ta' politiki magħżula sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' inkwinanti ewlenin tal-arja u l-effetti sussegwenti fuq il-kwalità tal-arja;

- naħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib ma' Eionet u fornituri oħra tad-dejta, iċ-Ċentru Tematiku Ewropew tal-EEA għall-Arja u t-Tibdil fil-Klima, il-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis tal-Arja Transkonfinali fuq Medda Twila tal-UNECE (b'mod speċjali l-programm EMEP, iċ-ċentru tagħha dwar l-inventarju u l-projezzjonijiet tal-emissjonijiet u t-task force tagħha dwar l-inventarju u l-projezzjonijiet tal-emissjonijiet) u mas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea (inklużi l-Eurostat u ċ-ĊKR);

- nippubblikaw fuq is-sit web tal-EEA l-manwal tal-inventarju dwar l-emissjonijiet ta' inkwinanti tal-arja tal-EMEP/EEA li ser ikun aġġornat regolarment mit-task force tal-UNECE EMEP dwar l-inventarji u l-projezzjonijiet tal-emissjonijiet; u

- nagħmlu l-hosting tas-sit web tal-E-PRTR tal-Kummissjoni Ewropea u d-dejtabejż IRIS u nikkontribwixxu f'attivitajiet assoċjati ta' rappurtar.

# 1.3 Bijodiversità

**L-objettiv ewlieni tagħna**

Li nwasslu tagħrif, dejta, u analiżijiet tad-diversità bijoloġika f'sistemi tal-ilma, tal-art, tal-ħamrija u tal-arja, permezz ta' qafas analitiku integrat li jappoġġja kull qasam ta' prijorità u l-kunsiderazzjonijiet fuqhom, inkluż l-intraċċar tal-progress lejn, u l-provvista ta' prospetti għall-kisbiet ta' miri inter alia kif definiti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u dik internazzjonali u l-evalwazzjoni tal-effikaċja ta' politiki u miżuri Ewropej.

## Analiżi

Il-ħames snin li ġejjin sejrin jaraw twessigħ ta-qasam politiku dwar il-bijodiversità tal-UE, minħabba għarfien akbar tas-sinifikat tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistemi għall-benesseri tal-bniedem. L-enfasi ser tkun fuq tliet prijoritajiet politiċi għall-2009–2013: il-protezzjoni ta' speċijiet u ħabitats fundamentali skont id-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats; l-impenn li nwaqqfu t-telf tal-bijodiversità fl-UE sal-2010 u r-rapport dwar il-progress bl-użu ta' indikaturi (SEBI2010); u, viżjoni fuq żmien twil fuq iż-żamma tas-saħħa u tar-reżistenza tas-servizzi tal-ekosistemi (ara Sezzjoni 2.3).

Il-ġabra ta' dawn il-prijoritajiet flimkien hija ta' tħassib għal żewġ raġunijiet: l-ewwel, minħabba li t-telf tal-bijodiversità, b'mod partikolari ta' speċijiet u ħabitats, jirriżulta f'nuqqas tas-'servizzi tal-ekosistemi' li jipprovdu s-sistemi naturali; u t-tieni, minħabba li dawn u bosta interkonnessjonijiet oħrajn bejn it-tliet prijoritajiet, jeħtieġu approċċ koerenti lejn id-dejta u l-analiżi sabiex ikunu evitati flussi ta' ġbir ta' dejta parallela bla bżonn.

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- nipprovdu, permezz ta' SEIS, Inspire u ċ-Ċentri tad-Dejta Ambjentali tal-EEA dwar il-Bijodiversità u l-Ekosistemi u l-Użu tal-Art, dejta ta' kwalità garantita bħala appoġġ għal inizjattivi Ewropej ta' rappurtar, l-aktar id-Direttivi dwar in-Natura;
- nipproduċu analiżi dwar l-istat u t-tendenzi ta' speċijiet u ħabitats individwali kif meħtieġ taħt artikoli rilevanti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti;
- nirrappurtaw dwar il-progress lejn il-miri tal-UE u dawk globali rigward il-waqfien/it-tnaqqis tat-telf tal-bijodiversità bl-użu tas-Simplifikazzjoni tal-Indikaturi Ewropej tal-Bijodiversità 2010;
- nipprovdu analiżi spazjali tal-kunflitti u tal-kompromessi potenzjali li jeżistu bejn il-bijodiversità, l-iżvilupp ekonomiku u l-objettivi soċjali, b'attenzjoni speċjali lill-objettivi tat-tibdil fil-klima u ta' konservazzjoni;
- nużaw tali kontributi u riżultati analitiċi minn proġetti ta' riċerka ffinanzjati mill-UE dwar il-bijodiversità għar-rapporti regolari tal-EEA dwar l-istat u l-prospetti u l-Valutazzjoni tal-Ekosistema għall-Ewropa (Eureca 2012); u
- intejbu l-komunikazzjonijiet tal-EEA rigward l-ispeċijiet, il-ħabitats u l-aggregazzjoni tagħhom f'indikaturi, li jistgħu jintużaw minn dawk li jfasslu l-politika, ċittadini u l-midja, permezz ta' kanali multi-medjali, inkluż il-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar il-Bijodiversità tal-Komunità Ewropea.

# 1.4 Emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra

## L-objettiv ewlieni tagħna

Li nsegwu u nivvalutaw il-progress lejn il-kisba ta' miri politiċi tal-UE dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra (Kyoto u 2020), nevalwaw l-effikaċja tal-politiki u l-miżuri ta' mitigazzjoni tal-UE rigward it-tibdil fil-klima, u nappoġġjaw l-iżvilupp ta' strateġiji ta' mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima fuq żmien twil.

## Analiżi

It-tisħin globali ser ikollu konsegwenzi mifruxa ħafna. L-azzjoni sabiex ikun indirizzat it-tibdil fil-klima globali hija possibbli kif ukoll spiża raġonevoli teknikament meta mqabbla mal-ispejjeż għoljin ta' tibdil fil-klima li ma jiġix imrażżan. Il-miri tal-Protokoll ta' Kyoto huma l-ewwel pass li għandu jintlaħaq sal-2012. Il-leġiżlazzjoni rilevanti eżistenti ewlenija hija l-qsim tal-isforz dwar l-emissjonijiet fost l-Istati Membri sabiex jilħqu l-miri ta' Kyoto, l-Iskema tal-UE dwar l-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet (ETS), il-mira tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u l-industrija ta' enerġija intensiva, u l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-GHG tal-UE. Jeħtieġ aktar tnaqqis globali sostanzjali tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra sabiex nilħqu l-mira proposta mill-UE għat-tnaqqis tat-tibdil għal żieda massima ta' temperatura ta' + 2 °C 'il fuq mil-livell preindustrijali. Fi ħdan il-UNFCCC qed jiġi żviluppat reġim globali post-Kyoto bi ftehim antiċipat sal-aħħar tal-2009 f'Kopenħagen.

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- nipprovdu, permezz ta' SEIS u ċ-Ċentru tad-Dejta tal-EEA dwar it-Tibdil fil-Klima, dejta, informazzjoni u indikaturi miġbura mill-pajjiżi skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE dwar il-mitigazzjoni tal-klima sabiex nappoġġjaw inizjattivi Ewropej ta' rappurtar, bħalma hu l-inventarju annwali tal-UE dwar il-gassijiet b'effett serra, u stimi aktar aġġornati, rendikont sħiħ tal-krediti ta' emissjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Kyoto u tal-UE, aġġornamenti regolari tal-indikaturi tal-emissjonijiet ta' GHG u analiżi annwali tal-projezzjonijiet u tal-effikaċja ta' politiki u miżuri biex jinkisbu l-miri ta' Kyoto 2008–2012 u kwalunkwe miri ġodda;
- nipprovdu rappurtar annwali dwar l-esperjenzi tal-Istati Membri bl-ETS tal-UE, imwessa' biex ikopri l-evalwazzjoni tal-effikaċja tal-ETS, tal-proġetti tal-mekkaniżmi ta' Kyoto u possibbilment swieq u proġetti oħrajn ta' kumpens tal-karbonju;
- nipproduċu analiżijiet u valutazzjonijiet ta' modi kif tinkiseb ekonomija b'karbonju baxx u li tkun aktar ekoloġika. Dawn jinkludu prospetti ta' mitigazzjoni u adattament integrati u xenarji futuri alternattivi, li jorbtu żviluppi soċjoekonomiċi, emissjonijiet, sistemi ta' kontabilità tal-karbonju u impatti fuq il-kwalità tal-ilma, il-kwantità tal-ilma, il-bijodiversità, il-ħamrija, il-foresti u l-oċeani bħala ħażniet jew sorsi, u kobenefiċċji għall-kwalità tal-arja u s-saħħa pubblika;
- nappoġġjaw il-proġett tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-simplifikazzjoni tal-ġbir u r-rappurtar tad-dejta dwar l-emissjonijiet tal-arja u l-emissjonijiet tal-GHG skont leġiżlazzjoni varja eżistenti, inklużi d-Direttiva NEC u l-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ tal-GHG;
- nappoġġjaw ir-reviżjoni tal-UNFCCC u kwalunkwe kwistjoni teknika li toħroġ mill-proċess ta' negozjar tal-UNFCCC; u
- noħolqu aċċess li jkun faċli għall-użu għal rapporti, dejta, indikaturi u tagħrif permezz taċ-Ċentru tad-Dejta tal-EEA dwar it-Tibdil fil-Klima, b'għodod analitiċi relatati u li jappoġġjaw id-deċiżjonijiet.

# 1.5 Ilma ħelu

**L-objettiv ewlieni tagħna**

Li nappoġġjaw politiki Ewropej relatati mal-kwalità u l-kwantità tal-ilma billi nipprovdu valutazzjonijiet integrati tal-kwalità, il-kwantità u l-użu tal-ilma, li nintraċċaw il-progress u nipprovdu prospetti dwar il-kisba ta' miri politiċi u skemi ta' garanzija tal-kwalità, appoġġjati minn dejta, indikaturi, mudelli u analiżijiet aġġornati, u fejn hu possibbli, fil-pront.

## Analiżi

Minkejja titjib f'dawn l-aħħar snin, bosta ekosistemi tal-ilma ħelu fl-Ewropa għadhom fil-periklu minħabba emissjonijiet kontinwi fl-ilma, b'mod partikolari mill-agrikoltura, bidliet fiżiċi fil-mases tal-ilma sabiex jgħinu, pereżempju t-tbaħħir u l-enerġija mill-ilma, u l-impatti ta' avvenimenti estremi u l-ġestjoni ħażina tar-riżorsi li jikkawżaw għargħar u nixfa.

Fl-UE, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD) u d-direttivi relatati dwar l-ilma jipprovdu qafas integrat li fih jistgħu jiġu indirizzati dawn il-bosta sfidi differenti għall-ġestjoni tal-ilma. L-ewwel sensiela ta' Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Baċini tax-Xmajjar u Programmi ta' Miżuri relatati fl-2009 jimmarkaw il-bidu ta' pass importanti mit-tħejjija għall-azzjoni fl-implimentazzjoni tal-WFD. Implimentazzjoni xierqa teħtieġ integrazzjoni kontinwa fost l-attivitajiet settorjali (agrikoltura, żvilupp rurali, ekonomija, enerġija, trasport, infrastruttura tal-ilma), u teħtieġ li tkun appoġġjata minn skambju intensiv ta' informazzjoni bejn l-atturi rilevanti dwar prassi tajba u miżuri adegwati u effiċjenti.

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- nipprovdu,permezz ta' SEIS, iċ-Ċentru tad-Dejta tal-EEA dwar l-Ilma u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa (WISE), dejta, tagħrif u indikaturi miġbura mill-pajjiżi skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE dwar l-emissjonijiet, il-kwalità u l-kwantità tal-ilma, sabiex nappoġġjaw inizjattivi Ewropej ta' rappurtar, inkluża r-reviżjoni fl-2012 tal-istat tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma tal-pjan fil-Komunità bħala appoġġ għall-Artikolu 18 tal-WFD;
- nipprovdu valutazzjonijiet integrati tat-tniġġis tal-ilma, tal-kwantità tal-ilma u l-effikaċja ta' politiki bl-użu tal-qafas tal-Ixpruni, il-Pressjonijiet, l-Istat, l-Impatti u t-Tweġibiet, il-kunċetti ta' Ġestjoni Integrata tar-Riżorsi tal-Ilma, servizzi tal-ekosistemi, rendikont tar-riżorsi, flessibbiltà u mmappjar spazjali;
- nipprovdu tagħrif u analiżijiet fil-qasam tal-bilanċi tal-ilma u l-adattament għat-tibdil fil-klima permezz ta' Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Iskarsezza tal-Ilma u n-Nixfa b'kooperazzjoni maċ-ĊKR;
- nipprovdu valutazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi tal-ilma b'enfasi fuq il-kuntest usa' tal-ekosistemi, il-bijodiversità u l-impatti ta' speċijiet eżotiċi invażivi, l-effetti tal-intrużjoni tal-ilma mielaħ, tal-għargħar u tat-tibdil fit-temperaturi;
- nipprovdu aċċess li jkun faċli għall-użu għal rapporti, dejta, inklużi indikaturi u informazzjoni fil-pront kif ukoll għodod analitiċi relatati; u
- intejbu l-fehim pubbliku dwar il-kwistjonijiet tal-kwalità u tal-kwantità tal-ilma u t-tibdil fil-klima permezz ta' servizzi interattivi multimedjali u faċli għall-użu.

# 1.6 Baħar

## L-objettiv ewlieni tagħna

Li nappoġġjaw politiki Ewropej u internazzjonali relatati mal-baħar u l-implimentazzjoni tagħhom billi nipprovdu valutazzjonijiet integrati tal-EEA dwar il-baħar, li jkopru fost oħrajn ir-rabtiet bejn l-ekosistemi tal-baħar u l-benesseri tal-bniedem, appoġġjati permezz ta' dejta, indikaturi, mudelli u analiżijiet aġġornati.

## Analiżi

It-total tal-pressjonijiet mill-bniedem fuq l-ambjent tal-baħar li ġejjin mis-sajd, l-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-enerġija u tar-riżorsi, it-turiżmu, it-tbaħħir u t-tniġġis qed jiżdied, u l-istat ġenerali tal-ekosistemi tal-baħar madwar l-Ewropa huwa ħażin. It-tibdil fil-klima qiegħed iżid ma' dawn il-pressjonijiet, u qiegħed iwassal għal impatti bħal temperaturi ogħla, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, li diġà qiegħda tnaqqas il-kapaċità tal-ibħra u tal-oċeani milli jassorbu l-gassijiet b'effett serra mill-atmosfera u għal xi bijota tal-baħar milli jiffunzjonaw. Il-politika tal-UE issa adottat 'approċċ tal-ekosistema' għall-ġestjoni tal-attivitajiet tal-bniedem fuq l-ambjent tal-baħar permezz tal-istrateġiji u d-Direttivi tagħha.

Biex l-implimentazzjoni jkollha suċċess fuq skala pan-Ewropea teħtieġ karatterizzazzjoni aqwa tas-sitwazzjoni attwali, tax-xejriet tal-imgħoddi u prospetti permezz ta' dejta u informazzjoni komparabbli, inklużi xprunaturi u pressjonijiet soċjoekonomiċi u viżjoni aktar ċara tal-għażliet għal, u l-konsegwenzi ambjentali tal-użu attwali u futur tal-ambjent tal-baħar u l-ibħra reġjonali.

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- nipprovdu appoġġ, permezz ta' SEIS, iċ-Ċentru tad-Dejta tal-EEA dwar l-Ilma u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa (WISE), dejta, tagħrif u indikaturi miġbura mill-pajjiżi skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, għall-kjarifikazzjoni tal-ħtiġijiet għall-monitoraġġ u l-valutazzjonijiet, il-ħolqien, is-simplifikazzjoni u aċċess aħjar għal flussi ta' dejta dwar il-baħar, informazzjoni u indikaturi skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, b'mod partikolari l-Istrateġija Qafas tal-UE dwar il-Baħar u d-Direttivi Qafas tal-Ilma (ilmijiet kostali);
- insaħħu l-qafas ta' valutazzjonijiet integrati tal-EEA dwar il-baħar permezz ta' kopertura aqwa tal-komponenti DPSIR, bl-użu ta' indikaturi aqwa, kif ukoll billi nintegraw aspetti ta' approċċ ta' servizzi tal-ekosistemi (eż. valutazzjoni ekonomika), l-inizjattiva politika marittima ta' Netwerk Ewropew ta' Osservazzjoni u Dejta tal-Baħar (EMODNET), Inspire, prospetti u xenarji;
- nikkontribwixxu għall-ħolqien tas-servizzi ċentrali tal-baħar tal-GMES;
- inżidu s-sinerġiji tagħna man-NU u konvenzjonijiet reġjonali tal-ibħra, il-komunità xjentifika u s-soċjetà ċivili organizzata fl-iżvilupp ta' valutazzjonijiet integrati tal-EEA dwar il-baħar sabiex niżguraw li dawn jirriflettu aħjar il-kundizzjonijiet f'kull baħar reġjonali Ewropew; u
- nipproduċu valutazzjonijiet integrati tal-ambjent tal-baħar u l-effikaċja ta' politiki tal-UE, fosthom il-bijodiversità, il-kwalità tal-ilma, il-kwistjonijiet tas-sajd u tal-baħar, u l-istat u l-valur tal-oġġetti u s-servizzi tal-ekosistemi tal-baħar taħt xenarji differenti rilevanti għall-politika, u nikkontribwixxu għal valutazzjonijiet tal-baħar għall-Baltiku taħt il-Presidenza Żvediża fl-2009, il-Presidenza Spanjola fl-2010, għal Horizon 2020 fil-Mediterran, fuq l-Artiku għall-KE u l-Kunsilli Artiku u Nordiku u għal Eureca 2012.

# Qasam strateġiku 2 Temi trasversali



It-talba għal analiżijiet integrati trasversali qiegħda tikber fid-dawl ta' realtajiet li qegħdin jinbidlu malajr. It-tendenzi tal-konsum u tal-produzzjoni, l-influwenza tagħhom fuq it-tibdil fil-klima u l-bijodiversità, kif inhuma moqdija mill-ekosistemi madwar id-dinja, u kif dawn ix-xejriet jistgħu jkunu adattati bħala konsegwenza tat-tibdil, huma ovvjament fil-mira. B'riżultat ta' dan, qiegħda tikber il-ħtieġa għal tagħrif relatat fuq dawn il-proċessi kollha. F'ekonomija globalizzata fejn l-individwi, l-impriżi u l-gvernijiet jistgħu jkollhom kuntatt fuq livell globali, bosta tipi differenti ta' politika jistgħu jaffettwaw ir-reżiljenza tal-ambjent naturali u tar-riżorsi li jipprovdi kemm fuq l-art kif ukoll fil-baħar.

Mit-trasport għall-enerġija, mill-agrikoltura għall-kummerċ, mit-turiżmu għall-benesseri tan-nies, l-attivitajiet kollha tal-bniedem jistgħu jidhru b'mod li jista' jkollhom sensiela wara l-oħra ta' konsegwenzi mhux intenzjonati, li jistgħu jwassluna għal bidliet mhux lineari mgħaġġlin u punti ta' xaqlib għall-ambjent naturali. Jeżistu bosta inċertezzi wara dawn ir-realtajiet u dwar x'ser ikun l-eżitu tagħhom. Iżda huwa ċar li l-ambjent u l-ekonomija ma kinux imsieħba ugwali f'din ir-relazzjoni.

## Objettiv ġenerali għall-2009–2013

Li nappoġġjaw l-iżvilupp u l-evalwazzjoni tal-politika fi ħdan dawn it-temi trasversali permezz ta':

- il-bini fuq il-kisbiet tal-istrateġija għall-2004–2008 fir-rigward tal-metodi u l-analiżijiet meħtieġa sabiex niġġeneraw valutazzjonijiet trasversali bħalma huma l-analiżi spazjali, l-indikaturi ta' impatt, prospetti u xenarji, evalwazzjonijiet tal-effikaċja tal-politiki, ekonomija;
- l-applikazzjoni ta' dawn il-metodi b'mod aktar espliċitu matul firxa ta' temi trasversali f'dan il-qasam strateġiku bħalma huma, it-tibdil fil-klima, il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli u l-politiki marittimi, territorjali u ta' koeżjoni;
- attenzjoni speċjali lil kwistjonijiet li huma prijorità għall-SOER 2010, il-Eureca 2012 u l-IPCC 2013; u
- il-bini ta' alleanzi u kapaċitajiet fi ħdan in-netwerks tagħna sabiex inwettqu dawn l-analiżijiet u l-valutazzjonijiet trasversali fil-kuntest tas-SEIS.

Ix-xogħol huwa maqsum fl-għaxar temi trasversali li jseħħu fil-panorama politiku u ambjentali tal-Unjoni Ewropea:

- **Impatti tat-tibdil fil-klima**
- **Vulnerabbiltà u adattament**
- **Ekosistemi**
- **Ambjent u saħħa**
- **Settur marittimu**
- **Konsum u produzzjoni sostenibbli u iskart**
- **Użu tal-art**
- **Agrikoltura u foresterija**
- **Enerġija**
- **Trasport**

# 2.1 Impatti tat-tibdil fil-klima

### L-objettiv ewlieni tagħna

Li nikkontribwixxu b'mod dirett għall-iżviluppi tal-politiki tal-UE dwar l-impatti tat-tibdil fil-klima billi nirfinaw l-indikaturi rilevanti, nipproduċu valutazzjonijiet, flimkien ma' fatturi soċjoekonomiċi fl-Ewropa, bl-użu ta' xejriet tal-passat, tbassir istantanju (*now-casting*), analiżi spazjali, valutazzjonijiet li jħarsu 'l quddiem, u analiżi tal-effikaċja tal-politiki fosthom l-aspetti ekonomiċi.

## Analiżi

L-impatti tat-tibdil fil-klima fuq ir-riżorsi naturali u l-attivitajiet tal-bniedem huma mistennija li jkomplu minkejja azzjoni qawwija għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra. Anki jekk tintlaħaq il-mira tal-UE li ż-żieda fit-temperatura ma tkunx aktar minn + 2 °C, dan xorta jfisser li se jkun hemm bosta impatti. It-tibdil fil-klima tikkostitwixxi pressjoni addizzjonali fuq is-sistemi naturali u dawk tal-bniedem, li diġà huma taħt pressjonijiet dejjem jiżdiedu minħabba l-globalizzazzjoni u ż-żieda fix-xejriet tal-konsum madwar id-dinja.

Fl-2008, l-EEA fi sħubija maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa/Ewropa pproduċiet ir-rapport tagħha dwar l-impatti tal-klima bbażat fuq aktar minn 40 indikatur li kienu jkopru impatti fiżiċi, bijoloġiċi u tas-saħħa. Il-konklużjonijiet kienu li, f'kull aspett, il-bidliet assoċjati mat-tibdil fil-klima kienu mifruxa sew u qegħdin jiżdiedu. Dejta mid-diversi programmi globali ta' osservazzjoni u ta' kejl in-situ turi wkoll li ninsabu għaddejjin minn kundizzjonijiet li jisbqu l-iktar estimi pessimistiċi tar-rapport tal-IPCC 2007.

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- intejbu u nżommu l-informazzjoni, id-dejta, l-indikaturi u l-mudelli fuq l-impatti fiċ-Ċentru tad-Dejta Ambjentali tal-EEA dwar it-Tibdil fil-Klima u norbtuha ma' informazzjoni u dejta fiċ-Ċentri tad-Dejta Ambjentali dwar l-ilma, il-bijodiversità u l-użu tal-art;

- nipproduċu firxa ta' valutazzjonijiet tal-impatti tat-tibdil fil-klima u oħrajn relatati f'oqsma tematiċi marbuta ma' strateġiji usa' dwar l-ambjent u s-sostenibbiltà, għall-valutazzjonijiet tas-SOER 2010 u Eureca 2012, u aġġornamenti regolari tal-valutazzjoni bbażata fuq l-indikaturi tal-impatti tat-tibdil fil-klima fl-Ewropa sabiex inwieġbu għal talbiet ġodda ta' appoġġ;

- naħdmu ma' timijiet ta' riċerka madwar l-Ewropa sabiex intejbu r-reġjonalizzazzjoni tal-istudji avvanzati tal-impatti tat-tibdil fil-klima;

- niżviluppaw mudelli u dejta fi sħubija maċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Meteoroloġiċi fuq Perjodu Medju (ECMWF) sabiex noħolqu arkivju tal-klima fuq skala lokali (*down-scaled*) għat-tbassir retroattiv (*hindcasting*) u t-tbassir tal-klima Ewropea fi skali spazjali sottoreġjonali; u

- noħolqu prodotti multimedjali, faċli għall-użu u multilingwi dwar il-kobor tal-impatti tat-tibdil fil-klima.

# 2.2 Vulnerabbiltà u adattament

**L-objettiv ewlieni tagħna**

Li nappoġġjaw żviluppi ġodda tal-UE u tal-politiki Ewropej rigward il-vulnerabbiltà u l-adattament u dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' diżastri billi niżviluppaw aċċess *online* għal informazzjoni ambjentali rilevanti, osservazzjonijiet għall-immappjar spazjali fil-pront u għodda ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet, permezz tas-servizzi SEIS u GMES sabiex ngħinu lill-Istati Membri jilħqu l-objettivi tagħhom għall-indirizzar tal-impatti tat-tibdil fil-klima, tal-adattament, tal-immappjar tal-vulnerabbiltà u tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tad-diżastri.

## Analiżi

Il-vulnerabbiltà tar-riżorsi naturali u tal-attivitajiet tal-bniedem qiegħda tiżdied fl-Ewropa bħala konsegwenza tat-tibdil fil-klima. Din tinkludi l-intensifikazzjoni ta' temperaturi estremi, tax-xita, tal-għargħar, tal-maltempati tar-riħ, tan-nixfa, tan-nirien fil-foresti, użu intensiv tal-art, l-iżvilupp industrijali, l-espansjoni urbana, il-kostruzzjoni tal-infrastruttura u t-telf tal-bijodiversità. Il-green paper tal-UE tal-2007 dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima tenfasizza r-riskju akbar ta' dannu għan-nies, l-infrastruttura u l-ambjent fl-UE u tiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' azzjoni u tweġiba politika bikrija fl-Ewropa.

Skont il-FCCC tan-NU, qed ikun implimentat programm ta' ħidma fuq 5 snin dwar l-impatti, il-vulnerabbiltà u l-adattament. Qed jiġi żviluppat reġim post-Kyoto globali li jinkludi l-adattament għat-tibdil fil-klima, bi ftehim ippjanat għall-aħħar tal-2009 f'Kopenħagen.

Il-Kummissjoni Ewropea issa qiegħda tħejji *White Paper* dwar l-adattament li fih varji għażliet għall-integrazzjoni tal-adattament fil-politiki tal-UE fir-reġjuni l-aktar vulnerabbli. Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tippjana wkoll Komunikazzjoni fuq inizjattiva Komunitarja fil-qasam tal-prevenzjoni tad-diżastri mmirata lejn il-ġbir tal-informazzjoni b'mod aktar sistematiku b'risq azzjonijiet fl-UE kollha.

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- niġbru, nimmaniġġjaw u nivvalutaw dejta rilevanti għall-politika f'livell Ewropew għall-immappjar tal-vulnerabbiltà ambjentali transkonfinali fl-UE u f'pajjiżi ġirien f'kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra Ewropej (jiġifieri d-DĠ Ambjent, ĊKR, EMSA, ESA);
- nirrappurtaw fuq il-pjanijiet nazzjonali ta' adattament għall-klima u nipprovdu gwida u appoġġ għall-iskambju ta' informazzjoni dwar strateġiji u l-aħjar prassi ta' prevenzjoni, ta' ġestjoni u ta' adattament reġjonali;
- nivvalutaw l-impatti ambjentali ta' diżastri naturali u inċidenti industrijali fl-Ewropa kif ukoll il-miżuri eżistenti għall-ġestjoni u l-prevenzjoni tagħhom, sabiex nikkumplimentaw l-informazzjoni fuq it-telf ekonomiku u l-impatt soċjali miġbur minn organizzazzjonijiet oħra;
- nappoġġjaw il-ħolqien ta' mekkaniżmu Komunitarju ta' clearing house għall-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prassi dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tad-diżastri, li għandhom ikunu żviluppati ma' netwerks ta' atturi rilevanti fil-prevenzjoni u l-ġestjoni tad-diżastri madwar l-Ewropa; u
- niżviluppaw prototip ta' '*Clearing House* Ewropea dwar l-Impatti tat-Tibdil fil-Klima, il-Vulnerabbiltà u l-Adattament' sabiex nipprovdu aċċess għal dejta u xenarji Ewropej marbuta mat-tibdil fil-klima b'informazzjoni dwar azzjonijiet u prassi tajba, inklużi spejjeż ekonomiċi, marbuta maċ-ċentru tad-dejta tal-EEA dwar it-Tibdil fil-Klima u konsistenti mal-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tad-diżastri.

## 2.3 Ekosistemi

### L-objettiv ewlieni tagħna

Li nappoġġjaw l-inklużjoni ta' prospettiva ta' ekosistemi u servizzi fl-evalwazzjoni tal-politiki tematiċi tal-UE preżenti u futuri u l-iżvilupp settorjali f'kampijiet politiċi internazzjonali u reġjonali, u fi ħdan il-kwadri tal-indikaturi tal-EEA, eżerċizzji ta' rappurtar ewlieni u valutazzjonijiet integrati bħalma huma s-SOER 2010 u Eureca 2012.

### Analiżi

Is-servizzi ekosistemiċi jirrappreżentaw it-trasformazzjoni ta' sensiela ta' riżorsi naturali fi prodotti li l-popolazzjoni teħtieġ, tuża u tapprezza. Dawn jinkludu servizzi ta' forniment — prodotti miksuba minn ekosistemi, fosthom pereżempju, riżorsi ġenetiċi, ikel u fibri, ilma ħelu; servizzi ta' regolamentazzjoni — benefiċċji mir-regolamentazzjoni tal-proċessi ekosistemiċi, fosthom l-kontroll tal-għargħar u tal-mard, il-klima, l-ilma u s-saħħet il-bniedem; servizzi kulturali — inklużi benefiċċji mhux tanġibbli bħalma huma r-rikreazzjoni, valuri estetiċi u arrikkiment spiritwali; u servizzi ta' appoġġ — dawk li huma meħtieġa għall-produzzjoni tas-servizzi ekosistemiċi kollha l-oħra, inklużi l-produzzjoni tal-bijomassa, arja pura, ċiklu tan-nutrijenti, ċiklu tal-ilma.

Dawn is-servizzi naturali mhumiex rikonoxxuti b'mod adegwat mis-swieq ekonomiċi, mill-politiki tal-gvernijiet u mill-prattiki ta' ġestjoni tal-art, u minħabba f'hekk bosta servizzi ekosistemiċi qegħdin f'periklu li jintilfu jew qegħdin f'periklu serju li jitilfu r-reżiljenza tagħhom. Implimentazzjoni usa' tal-kunċett tas-servizzi ekosistemiċi fl-Ewropa, marbuta mas-segwitu tal-Valutazzjoni tal-Ekosistemi tal-Millennju tal-2005 u l-inizjattiva tal-G8+5 għal-laqgħa tal-2010 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika dwar l-Ekonomija tal-Ekosistemi u l-Bijodiversità, sejra żżid argumenti ekonomiċi b'saħħithom li jistgħu jibdlu l-prijoritajiet politiċi, l-azzjoni u l-finanzjament fil-kamp politiku ambjentali, kif ukoll jiġbdu l-attenzjoni ta' partijiet interessati oħra minn setturi differenti sabiex iżidu l-għarfien tagħhom dwar it-tifsira ekonomika tal-bidla.

### Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- nipproduċu Eureca 2012, l-ewwel valutazzjoni tal-ekosistema għall-Ewropa sabiex iżżid mas-segwitu tal-Valutazzjoni tal-Ekosistemi tal-Millennju;
- nappoġġjaw l-Ekonomija tal-Ekosistemi u l-Bijodiversità (TEEB), il-Valutazzjoni tal-Ekosistemi tal-Millennju, u l-inizjattiva *Global Green New Deal* tal-UNEP li tirrigwarda l-kontabilità tar-riżorsi, id-dokumentazzjoni tar-reżiljenza tal-ekosistemi, u nipprovdu analiżijiet tal-valutazzjoni tagħhom;
- inżidu l-għarfien dwar il-valur u l-użu ta' riżorsi naturali permezz ta' analiżijiet ta' mekkaniżmi bbażati fuq is-suq għal servizzi ekosistemiċi;
- intejbu l-għarfien dwar il-limiti u r-reżiljenza fl-ekosistemi Ewropej u b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mat-tibdil fil-klima eż. l-assorbiment tal-karbonju, id-dinamiki trofiċi, il-provviżjonament u l-frammentazzjoni tal-pajsaġġ;
- nagħmlu l-aħjar użu mid-dejta u t-tekniki eżistenti tal-immudellar spazjali sabiex nappoġġjaw l-analiżi tas-saħħa u tar-reżiljenza tas-servizzi ekosistemiċi fl-Ewropa u globalment f'termini tal-marka ekoloġika tal-Ewropa u eżiġenzi settorjali emerġenti;
- naġġornaw kwadri tal-indikaturi tal-EEA, inkluż SEBI2010, bl-użu ta' approċċ ta' servizzi ekosistemiċi u nintegrawhom fil-valutazzjonijiet tal-EEA; u
- nipprovdu komunikazzjonijiet u materjal edukattiv dwar is-servizzi ekosistemiċi lill-pubbliku, lil dawk li jfasslu l-politika u lill-esperti xjentifiċi permezz ta' kanali multimedjali inkluż il-Mekkaniżmu ta' *Clearing House* tal-KE dwar il-Bijodiversità.

## 2.4 Ambjent u saħħa

**L-objettiv ewlieni tagħna**

Li nwettqu, f'kooperazzjoni mal-OECD, il-Eurostat, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u l-aġenziji tal-UE diversi valutazzjonijiet u eżerċizzji ta' ġbir ta' dejta sabiex nipprovdu appoġġ għall-iżvilupp ta' politiki mmirati lejn it-tnaqqis tal-impatti negattivi fuq saħħet il-bniedem li ġejjin mill-inkwinanti, is-sustanzi kimiċi u diversi teknoloġiji. Ser ikun hemm ukoll enfasi fuq studji li jisħqu fuq il-ħtieġa ta' azzjoni bikrija u fuq il-vantaġġi ta' miżuri preventivi u dawk prekawzjonali.

### Analiżi

Il-kwalità ambjentali u r-rabta tagħha ma' saħħet il-bniedem hija rikonoxxuta bħala waħda mill-prijoritajiet tas-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali. Hija riflessa wkoll fi Programm ġdid ta' Azzjoni Komunitarja 2008–2013 fil-qasam tas-saħħa; fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ambjent u s-Saħħa 2004–2010; fl-Istrateġija mġedda tal-UE dwar l-Iżvilupp Sostenibbli; u fil-politiki Komunitarji ewlenin dwar il-sustanzi kimiċi, u fil-Programm ta' Azzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar is-Saħħa tat-Tfal u l-Ambjent. Evalwazzjonijiet intermedji ta' dawn il-programmi rrikonoxxew il-progress li sar iżda indikaw bil-qawwa l-ħtieġa ta' xogħol intensiv fil-ġejjieni.

Fil-Kunsill tal-UE reċenti, il-ministri tas-saħħa saħqu fuq il-ħtieġa ta' azzjoni bikrija, il-vantaġġi ta' miżuri preventivi u prekawzjonali u l-ħtieġa għall-iżvilupp ta' għodod għall-antiċipazzjoni, il-prevenzjoni u t-tweġiba għal theddid potenzjali minn kwistjonijiet li qegħdin jitfaċċaw u jerġgħu jitfaċċaw bħalma hi n-nanoteknoloġija, u għat-tisħiħ tal-involviment ta' partijiet interessati rilevanti permezz ta' sħubijiet fost is-setturi fil-livelli kollha. Talbu wkoll għal informazzjoni dwar determinanti ambjentali b'impatti pożittivi fuq is-saħħa bħalma huma ambjenti bijodiversi, mezzi ta' trasport mingħajr muturi u kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni.

### Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- intejbu l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar l-ambjent u s-saħħa u dwar is-sustanzi kimiċi, inkluż żvilupp ulterjuri ta' indikaturi, analiżijiet spazjali, u rabtiet mas-SEIS u l-GMES;
- nittestjaw l-applikabbiltà ta' diversi approċċi metodoloġiċi, inkluż il-bijomonitoraġġ, sabiex nistmaw l-impatti negattivi kif ukoll dawk pożittivi tal-inkwininanti (inklużi l-plastik, is-sustanzi li jfixklu s-sistema endokrina, għelejjel ĠM għall-fjuwil u l-fibri) fl-ambjent u fl-ekosistemi (inkluż l-arja tal-madwar u ta' ġewwa, l-ilma u l-ħamrija) fuq il-funzjoni tal-ekosistema u s-saħħa u l-benesseri tal-bniedem;
- neżaminaw il-piż ambjentali tal-inkwinanti u tas-sustanzi kimiċi, inklużi aspetti ta' età, sitwazzjoni soċjoekonomika u kuntest migratorju;
- nipprovdu kontribut għall-valutazzjonijiet ewlenin kollha tal-EEA, inklużi SOER 2010 u Eureca 2012, il-valutazzjonijiet reġjonali tagħha, u diversi rapporti u valutazzjonijiet internazzjonali bħall-Konferenza Ministerjali tan-NU tal-Ambjent għall-Ewropa;
- nipproduċu rapport dwar ix-xogħol ta' Bradford-Hill dwar il-kriterji tal-kawżalità fil-kamp tal-ambjent u tas-saħħa;
- nikkooperaw ma' msieħba ewlenin dwar proċessi interistituzzjonali sinifikanti tal-UE, u dwar avvenimenti u laqgħat ewlenin, bħall-Konferenza Ministerjali tal-WHO u l-konferenza tal-Assoċjazzjoni Ewropea dwar is-Saħħa Pubblika tal-2009; u
- intejbu l-għodod ta' appoġġ tad-deċiżjonijiet għall-indirizzar tal-inċertezza, ir-riskju, l-injoranza u l-prekawzjoni fi ħdan kwistjonijiet ewlenin dwar l-ambjent u s-saħħa.

# 2.5 Settur marittimu

**L-objettiv ewlieni tagħna**

Li ntejbu l-koperazzjoni u nappoġġjaw l-attivitajiet relatati mal-informazzjoni u mad-dejta fil-kamp politiku tal-UE fis-settur marittimu u fl-ambjent tal-baħar; b'hekk ikun possibbli li nidentifikaw, nisfruttaw u neżaminaw mill-ġdid id-dejta ekonomika dwar attivitajiet marittimi, u nwettqu valutazzjonijiet ta' ppjanar spazjali tal-baħar u nikkoperaw ma' organizzazzjonijiet sorsi sabiex nintegraw informazzjoni ambjentali rilevanti.

## Analiżi

Il-politika marittima tal-UE u l-pilastru ambjentali tagħha, id-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija tal-Baħar, ipoġġu approċċ ibbażat fuq l-ekosistema fiċ-ċentru ta' tweġiba ta' politika integrata għall-kwistjonijiet tal-oċeani, tal-ibħra u tal-kosta. Dan l-approċċ jikkunsidra l-potenzjal ambjentali għoli tal-ibħra u tas-sistemi tal-kosti Ewropej fit-twassil ta' servizzi ekoloġiċi vitali fid-dawl ta' pressjonijiet akbar mit-tibdil fil-klima u l-intensifikazzjoni ta' attivitajiet differenti u kompetittivi (fost oħrajn it-tbaħħir, is-sajd, l-enerġija, l-isfruttament tar-riżorsi) fiż-żona marittima Ewropea kollha.

Issa huma meħtieġa monitoraġġ u metodi analitiċi ġodda u aktar mifruxa għall-valutazzjonijiet integrati. Dawn sejrin jibnu fuq l-iżviluppi fil-qasam tas-sistemi teknoloġiċi u informatiċi li diġà qegħdin jitwettqu, bħalma hu l-Atlas Ewropew tal-ibħra, u l-appoġġ speċifiku lin-Netwerk Ewropew tal-Osservazzjoni u d-Dejta tal-Ambjent tal-Baħar (EMODNET) bir-rabtiet tiegħu mal-WISE-ambjent tal-baħar u SEIS. Dawn sejrin jgħinu l-konnessjoni ta' organizzazzjonijiet sors u jipprovdu aċċess online u kondiviż għad-dejta meħtieġa, sabiex ikun hemm appoġġ għall-ippjanar spazjali tal-baħar u għar-rappurtar tal-istat ambjentali.

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- nistabbilixxu metodoloġija komuni għall-immappjar multidimensjonali (eż. pajsaġġ tal-baħar bentoniku (*benthic marine landscape*)) u funzjonali (eż. potenzjal enerġetiku, żoni ta' rifuġju) tal-ibħra Ewropej, sabiex nikkontribwixxu għall-Atlas Ewropew tal-ibħra, nipprovdu valutazzjonijiet spazjali rilevanti u nagħtu kontribut fil-modulu tal-baħar tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa (WISE);
- narmonizzaw il-karatterizzazzjoni tal-immappjar tal-qiegħ tal-baħar u tal-ħabitats f'konformità mal-immappjar u l-klassifikazzjoni fuq skala wiesgħa kompatibbli mal-EUNIS;
- inwettqu analiżijiet dwar il-kontabilità tal-ekosistemi tal-baħar relatati ma' attivitajiet soċjoekonomiċi marittimi;
- nikkontribwixxu għall-pjattaforma ta' informazzjoni spazjali fil-WISE, għall-iskoperta, il-viżjoni u d-diskussjoni ta' dejta, li torbot man-Netwerk Ewropew tal-Osservazzjoni u d-Dejta tal-Ambjent tal-Baħar (EMODNET);
- nipprovdu għall-parti marittima u nappoġġjaw l-approċċ integrat fid-deskrizzjoni annotata għal kwistjonijiet tal-Baħar/Marittimi f'SOER 2010, b'attenzjoni fuq l-evalwazzjoni tal-effikaċja tal-politiki u l-prattiki tal-ippjanar spazjali tal-baħar;
- nikkontribwixxu fil-valutazzjoni tal-politika marittima rilevanti bħala kontribut fi kwistjonijiet relatati (eż. turiżmu, trasport) kif ukoll aspetti reġjonali oħrajn għar-rapport bijennali sintentiku tal-progress Horizon 2020, l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku taħt il-Presidenza Żvediża fl-2009 u l-Presidenza Spanjola fl-2010; u
- noħolqu aċċess faċli għall-użu għal rapporti, dejta, indikaturi u informazzjoni oħra permezz taċ-Ċentru tad-Dejta tal-EEA dwar l-Ilma, flimkien ma' għodod analitiċi relatati.

# 2.6 Konsum u produzzjoni sostenibbli u iskart

## L-objettiv ewlieni tagħna

Li jiġu appoġġjati l-attivitajiet globali, Komunitarji u nazzjonali dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, il-ġestjoni tar-riżorsi u tal-iskart, billi tissaħħaħ il-bażi analitika permezz tal-iżvilupp u l-użu tas-SCP u indikaturi strutturali oħra, l-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja, il-kontabilità ambjentali, il-valutazzjonijiet integrati, il-prospettivi u x-xenarji, billi niffokaw b'mod partikolari fuq is-sistemazzjoni fid-djar, l-ikel, il-mobilità u t-turiżmu/rikreazzjoni.

## Analiżi

Huwa aktar u aktar rikonoxxut li bħala Ewropej għandna nieħdu r-responsabbiltà għall-impatti ambjentali tal-mudelli tal-konsum u tal-produzzjoni tagħna fi ħdan l-Ewropa, u l-impatti ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom f'partijiet oħra tad-dinja. Il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi materjali u tal-iskart hija parti integrali ta' dan.

L-importanza tal-konsum u l-produzzjoni sostenibbli (*sustainable consumption and production* — SCP), inkluż il-ġenerazzjoni tal-iskart u l-użu tar-riżorsi, hija riflessa fi prijoritajiet u pjanijiet politiċi, b'mod partikolari r-reviżjoni tas-SCP u tal-iskart UNCSD 2010–2011, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli u l-Politika Industrijali Sostenibbli, ir-reviżjoni tal-2010 tal-istrateġiji tematiċi għall-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u għall-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart, politiki Komunitarji oħra dwar l-iskart fosthom ir-reviżjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart u l-politiki nazzjonali dwar is-SCP, ir-riżorsi u l-iskart. Hija wkoll riflessa fiż-żieda fl-attenzjoni tal-impriżi fuq ir-responsabbiltà soċjali, l-effikaċja fl-użu tar-riżorsa u s-sistemi ta' ġestjoni ambjentali, u l-konċentrazzjoni akbar fuq il-mudelli ta' konsum sostenibbli madwar l-Ewropa.

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- nipproduċu u nżommu indikaturi dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, l-iskart u r-riżorsi permezz tas-SEIS u ċ-Ċentri tad-Dejta Ambjentali tal-Eurostat;
- nappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE fuq is-SCP, l-istrateġiji tematiċi tal-UE, il-politiki nazzjonali dwar is-SCP, il-proċess globali tal-Marrakexx għas-SCP u r-reviżjoni tal-UNSCD tal-SCP permezz ta' evalwazzjonijiet tal-effikaċja tal-politiki u valutazzjonijiet integrati tal-impatti ambjentali tal-produzzjoni u l-konsum fl-Ewropa u f'reġjuni oħra tad-dinja;
- insaħħu l-isforzi, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Eurostat, iċ-ĊKR, l-OECD u n-NU, sabiex jiġu żviluppati aktar rendikonti ekonomiċi u ambjentali integrati;
- nagħmlu analiżijiet dwar l-Analiżi taċ-Ċiklu tal-Ħajja, id-disponibbiltà u l-produttività tar-riżorsi, il-produzzjoni aktar nadifa u l-prodotti ambjentalment effikaċi;
- niżviluppaw prospetti u xenarji ta' konsum u produzzjoni sostenibbli għall-Ewropa;
- nappoġġjaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart u l-Istrateġija Tematika dwar il-Prevenzjoni u r-Riċiklaġġ tal-Iskart permezz tal-analiżi ta' flussi prijoritarji varji ta' skart;
- naħdmu mal-impriżi u l-SMEs sabiex naqsmu l-esperjenzi u l-prattika tajba tal-istrateġiji sostenibbli tan-negozju, tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji, tal-EMAS u tar-rwol tal-bejjiegħa bl-imnut;
- insaħħu x-xogħol fuq il-produzzjoni sostenibbli u l-innovazzjoni ekoloġika, b'kooperazzjoni mal-OECD;
- nappoġġjaw il-pajjiżi ġirien fil-ħtiġijiet ta' SCP u informazzjoni dwar l-iskart, b'mod partikolari fil-pajjiżi tal-Mediterran fi ħdan l-inizjattiva Horizon 2020 u fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li jikkollaboraw fl-EEA; u
- intejbu l-komunikazzjoni ma' dawk li jieħdu deċiżjonijiet politiċi u mal-konsumaturi dwar kif jistgħu jillimitaw l-impatti ambjentali tal-konsum, u jiżviluppaw għażliet għal prodotti u produzzjoni aktar sostenibbli.

# 2.7 Użu tal-art

## L-objettiv ewlieni tagħna

Li ninfurmaw lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi, lill-professjonisti u lill-pubbliku dwar kif l-intensità li qiegħda tiżdied tal-ispazju u tar-riżorsa bbażata fuq l-art qiegħda twassal għal kunflitti u bidliet potenzjali irreversibbli permezz ta' pjattaforma analitika għall-analiżi tal-ispazju, għall-immudellar tal-użu tal-art immirat, għall-integrazzjoni ta' statistiċi soċjoekonomiċi u għas-servizzi b'riżoluzzjoni għolja ta' informazzjoni u ta' ppjanar tal-art sabiex jiġu eżaminati l-proċessi tal-urbanizzazzjoni u tal-użu tal-art.

## Analiżi

It-Trattat ta' Liżbona mġedded mill-UE jenfasizza l-fatt li għall-iżvilupp sostenibbli tal-ispazju u għas-sistema ta' governanza fuq bosta livelli tal-kontinent Ewropew hija indispensabbli għodda politika għall-koordinament, għall-koerenza u għas-sinerġiji tal-politiki tas-settur. L-ewwel Programm ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Aġenda Territorjali tal-UE għandu l-għan ewlieni li jiżviluppa pjattaforma b'saħħitha ta' għarfien u ta' valutazzjonijiet tal-istat, tal-prospetti, tat-tendenzi u tal-impatti tal-politiki fuq il-varji territorji Ewropej.

Matul dawn l-aħħar għaxar snin l-Aġenzija analizzat kunflitti fuq l-użu tal-ispazju u tar-riżorsi bbażati fuq l-art fl-Ewropa u osservat li dawn sejrin jiżdiedu minħabba l-urbanizzazzjoni, it-tkabbir tat-trasport, il-bidliet fil-prijoritajiet tal-agrikoltura, il-forom ġodda tat-turiżmu, l-aspirazzjonijiet soċjali li qegħdin jevolvu fir-rigward tal-mobilità u s-sistemazzjoni fid-djar, id-demografija u l-bidliet kontinwi fil-pajsaġġ territorjali minħabba li t-tibdil fil-klima jpoġġi f'riskju r-reżiljenza ekoloġika u soċjali.

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- nintegraw il-gruppi ta' dejta ġeospazjali u l-informazzjoni fil-livell Ewropew permezz tas-SEIS, Inspire u ċ-Ċentru tad-Dejta dwar l-Użu tal-Art, inkluża dejtabejż operattiva dwar il-mapep u d-dejta tal-ħsejjes bħala parti mill-implimentazzjoni ReportNet għad-Direttiva dwar il-Ħsejjes Ambjentali;
- naħdmu ma' ESPON2013 biex niddefinixxu u nittestjaw grupp ġdid ta' indikaturi territorjali għall-appoġġ tal-ippjanar spazjali u l-fehim ta' prospettivi ta' żvilupp differenti;
- nipprovdu valutazzjonijiet ta' żviluppi territorjali Ewropej bl-użu ta' tekniki avvanzati ta' analiżi spazjali, tendenzi fil-passat, tbassir istantanju, valutazzjonijiet li jħarsu lejn il-futur, analiżi tal-effikaċja tal-politika inklużi l-ekonomija ta' toroq differenti, bi sħubija b'mod partikolari mad-DG Regio, ĊKR u Eurostat;
- naħdmu mal-Eurostat, man-Nazzjonijiet Uniti u mal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika sabiex niżguraw li r-rendikonti tal-art immexxija mill-EEA, dawk tal-ilma u dawk tal-ekosistema jsiru standard globali ġewwa l-qafas tar-Rendikont Ambjentali tan-NU;
- nisfruttaw bis-sħiħ l-inventarju komplut *Corine Land Cover 2006* u d-dejtabejżiż relatati, b'mod partikolari l-informazzjoni b'riżoluzzjoni għolja dwar is-siġillar tal-ħamrija;
- nappoġġjaw l-iżvilupp tas-servizzi tal-art GMES u tas-Sistemi ta' Osservazzjoni Globali; u
- nagħmlu valutazzjonijiet reġjonali u tematiċi magħżula (pereżempju fuq żoni urbani, tal-muntanji u rurali, tat-turiżmu, trasport u mmappjar akustiku, impatti fuq l-erożjoni tal-ħamrija, prezzijiet tal-art u taxxi) u nipprovdu tqegħid ta' dejta għas-SOER 2010 u l-Eureca 2012.

## 2.8 Agrikoltura u foresterija

### L-objettiv ewlieni tagħna

Li nipprovdu analiżi integrata tax-xejriet fl-użu tal-art fl-agrikoltura u l-foresterija permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt — preżenti u futur — tagħhom fuq l-ilma, il-ħamrija, il-kwalità tal-arja, il-bijodiversità u l-pajsaġġi. Dan jgħin biex wieħed ikun jista' jivvaluta l-impatt tal-eżiġenzi soċjali ġodda, tat-tendenzi demografiċi u teknoloġiċi fuq l-ambjent naturali u jqiegħed bażi għall-evalwazzjoni tal-politiki u feedback li għandu jitqies fil-politiki settorjali u ambjentali.

### Analiżi

L-użu tal-art agrikola u forestali fl-Ewropa għall-produzzjoni ta' materji primi (ikel, għalf, bijomassa għal finijiet enerġetiċi u materjali) ser isir aktar intensiv fid-deċenji li ġejjin. Dan minħabba eżiġenzi ġodda, żviluppi fit-teknoloġija (pereżempju d-diġestjoni enzimatika ta' materjal ċellulożiku, it-teknoloġija applikata lill-proprjetajiet tal-ikel, it-tkabbir ta' prodotti tar-raba' inklużi l-organiżmi ġenetikament modifikati eċċ.) u bidliet fil-prattiki tal-biedja. Il-foresterija u l-agrikoltura jipprovdu aktar u aktar għall-użi finali mqassma għall-bini, l-enerġija u l-bijomaterjali, li jwasslu għal eżiġenzi ogħla fuq il-medda ta' art disponibbli. L-impatti mistennija tat-tibdil fil-klima u tal-konverżjoni tal-art għas-setturi urbani u tas-servizz ser iżidu l-pressjonijiet li jirriżultaw fuq ir-riżorsi tal-ilma u tal-ħamrija kif ukoll jolqtu l-bijodiversità, il-pajsaġġi u l-kwalità tal-arja.

L-EEA ħadmet fuq indikaturi agroambjentali, żviluppat il-kunċett ta' raba' ta' valur għoli għan-natura u investigat l-integrazzjoni tal-politika, pereżempju fir-rigward tal-produzzjoni tal-bijoenerġija.

### Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- nintegraw mudelli u dejta ekonomiċi u bijofiżiċi għall-valutazzjoni tal-muturi li jwasslu għall-impatti ambjentali tat-tendenzi soċjoekonomiċi sabiex ninfurmaw id-dibattiti tal-politiki settorjali fil-qasam tal-agrikoltura, tal-bijoenerġija u tal-iżvilupp rurali;
- inwessgħu l-gruppi ta' indikaturi settorjali, l-analiżi tal-ispazju u d-dejtabejżiż dwar il-prattiki tal-biedja u t-tendenzi ġodda tal-użu tal-art, pereżempju l-impatt konġunt tal-produzzjoni tal-ikel, tal-għalf u tal-bijomassa fuq ir-riżorsi tal-ilma, l-użu tal-fertilizzanti u tal-pestiċidi, il-metodi tat-tkabbir tal-għelejjel, l-istrutturi tal-kenn tal-bhejjem, b'kooperazzjoni mas-Servizzi tal-Kummissjoni u l-UNEP;
- nagħmlu valutazzjonijiet ta' kwistjonijiet kritiċi bħalma huwa l-bilanċ tal-karbonju assoċjat mal-bidla fl-użu tal-art, kemm fl-Ewropa kif ukoll globalment, neżaminaw l-impatti ambjentali ta' speċi eżotiċi u għelejjel ġenetikament modifikati b'mod partikolari bijoenerġija u fibri;
- nappoġġjaw l-isforzi għall-iżvilupp ta' rendikonti ambjentali u ekosistemiċi sabiex ninfurmaw analiżi tal-adattament għal u mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u nipprovduhom bħala tqegħid ta' dejta għall-valutazzjonijiet tal-EEA inklużi l-Eureca 2012 u SOER 2010.

# 2.9 Enerġija

## L-objettiv ewlieni tagħna

Li nipprovdu valutazzjonijiet integrati, analiżi ta' kif il-bidliet fil-politiki u fl-operazzjonijiet fi ħdan is-settur tal-enerġija jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jaffettwaw is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, l-ispejjeż u l-benefiċċji, il-progress biex jintlaħqu l-miri politiċi u l-effikaċja ambjentali, appoġġjati b'dejta, mudelli u indikaturi moderni.

## Analiżi

Il-politika fil-qasam tal-enerġija ser tkompli tiżvolġi rwol ewlieni fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima filwaqt li fl-istess ħin tiżgura li jkun hemm provvista sigura ta' enerġija fl-Ewropa. Il-produzzjoni u l-konsum tal-enerġija, inkluża l-enerġija li tiġġedded bħalma hija l-bijoenerġija, għandhom impatti sostanzjali fuq saħħet il-bniedem u fuq l-ambjent, minħabba l-emissjonijiet ta' inkwinaturi tal-arja, il-produzzjoni ta' skart, il-ħsara kkawżati għall-ħamrija, it-tixrid taż-żejt eċċ. Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tiżviluppa aktar il-pakkett leġiżlattiv tal-politiki fil-qasam tal-enerġija u t-tibdil fil-klima li ġew approvati f'Diċembru 2008, inklużi azzjonijiet lejn il-kisba tal-miri sal-2020, għall-enerġija li tiġġedded, għall-effikaċja tal-fjuwil għat-trasport fuq it-triq u tal-enerġija, għall-ħolqien ta' qafas għall-qbid u l-ħażna tal-karbonju u għall-iżvilupp ta' impjanti ta' dimostrazzjoni. Qegħdin isiru sforzi oħra fl-effikaċja enerġetika, fit-tnaqqis tat-talba għall-enerġija, fl-iżvilupp tal-ħolqien ta' suq intern reali tal-enerġija, fil-promozzjoni tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku fis-settur tal-enerġija u fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali fuq kwistjonijiet enerġetiċi. L-isforzi Ewropej f'dan il-qasam huma marbuta sew ma' dawk fil-bqija tad-dinja.

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- niżviluppaw u nżommu indikaturi u l-aħjar prattika fil-qasam tal-enerġija u tal-ambjent ibbażati fuq dejta nazzjonali u informazzjoni preżentata lill-EEA, lill-AIE, lill-UNEP, lill-Eurostat u lis-servizzi oħra tal-Kummissjoni;

- nivvalutaw ir-restrizzjonijiet u l-vantaġġi ambjentali tat-teknoloġiji tal-enerġija li tiġġedded, tal-użu ta' teknoloġiji u sorsi ġodda tal-enerġija, inklużi l-bijofjuwils u l-użu ta' żoni bil-pit, il-qbid u l-ħażna tal-karbonju, b'koperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, il-UNEP, u l-komunitajiet tar-riċerka u tan-negozju;

- nipprovdu aġġornamenti regolari fuq l-indikaturi tal-enerġija u tal-ambjent, inklużi s-sussidji tal-enerġija, u t-tqegħid ta' dejta għall-valutazzjonijiet integrati tal-EEA; u

- nivvalutaw il-pressjonijiet li jirriżultaw mill-produzzjoni u l-konsum ta' enerġija fuq l-ambjent, inklużi l-effikaċja enerġetika u l-politiki li jiffokaw fuq it-talba, l-għażla tal-fjuwils, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima/it-triq tas-sigurtà tal-enerġija u l-ispejjeż, il-benefiċċji u l-iskambji dwar l-aspetti ambjentali, bħalma huma l-ilma u l-bijodiversità, ta' dawn it-toroq.

# 2.10 Trasport

## L-objettiv ewlieni tagħna

Li nivvalutaw l-impatti tat-trasport fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent bl-għajnuna ta' indikaturi, mudelli u xenarji tat-trasport u tal-ambjent. Dan jinkludi, fost affarijiet oħra, ir-reġistrazzjoni tal-progress lejn miri ta' politiki relatati mal-ambjent għat-trasport u nippruvaw nuru soluzzjonijiet ġodda possibbli għall-aċċess u għall-mobilità sostenibbli.

## Analiżi

It-trasport huwa parti integrali tal-maġġoranza tal-attivitajiet li flimkien jiffurmaw il-bażi tal-Prodott Gross Domestiku ta' nazzjon. L-ammonti ta' trasport jiżdiedu bejn wieħed u ieħor b'mod parallel mal-ekonomija u għalhekk jinfluwenzaw għadd ta' kwistjonijiet ambjentali, li l-aktar prominenti huma t-tibdil fil-klima, it-telf tal-ħabitat, it-tniġġis akustiku u dak tal-arja. Anke jekk dan l-aħħar naqset iż-żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet li jikkawżaw l-effett serra mis-settur tat-trasport, it-tbassir għall-futur juru żieda sinifikanti jekk ma jiġux implimentati miżuri addizzjonali ta' mitigazzjoni.

L-UE għalhekk qiegħda tikkunsidra firxa ta' politiki u miżuri bħall-inklużjoni tal-avjazzjoni fl-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet; it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ kkawżati mill-karozzi; u skemi ta' tariffi għall-infrastruttura. Madankollu, għandna nevitaw li t-trasport jiġi assoċjat biss mat-tibdil fil-klima; il-pakkett imsejjaħ 'Nagħmlu t-trasport aktar ekoloġiku' huwa pass fit-twessigħ tad-dibattitu.

Fil-biċċa l-kbira, l-iżvilupp tal-politiki dwar it-trasport huwa ggwidat mill-iskop li tinħoloq 'sistema ta' trasport aktar sostenibbli', bl-aċċess u l-mobilità fil-qalba tagħha. Iżda s'issa dawn it-termini mhumiex operattivi u ma jiffaċilitawx it-titjib ambjentali. Bħala risposta għall-miri tal-emissjonijiet tal-gassijiet li jikkawżaw l-effett serra li dejjem qegħdin isiru aktar ambizzjużi, teżisti l-ħtieġa li jiġu żviluppati miri speċifiċi għal kull settur. Sabiex jiġu żgurati l-benefiċċji addizzjonali li jista' jkun hemm, dawn il-miri għandhom ukoll ikopru l-aspetti ewlenin kollha (l-emissjonijiet fl-arja, it-tniġġis akustiku, it-telf tal-ħabitat, eċċ) ta' 'sistema ta' trasport sostenibbli' u l-użu tagħha.

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- inżommu, niżviluppaw u nissimplifikaw l-indikaturi tat-trasport u tal-ambjent u naħdmu mal-Eurostat, mal-ITF/OECD u mal-Kummissjoni Ewropea sabiex inżidu l-ġbir ta' dejta tal-EEA permezz tal-imsieħba tal-Eionet b'mod partikolari fl-oqsma tal-valutazzjonijiet tal-ħsejjes tat-trasport, tal-użu tal-art u tax-xejriet tat-trasport tal-merkanzija;
- nipproduċu valutazzjonijiet ibbażati fuq l-indikaturi tal-progress tas-settur tat-trasport fl-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet ambjentali fil-politiki tiegħu bħala tqegħid ta' dejta fil-valutazzjonijiet regolari integrati u trasversali tal-EEA;
- nanalizzaw il-kontribut tat-traffiku għall-kwalità tal-arja u għall-istorbju fil-bliet Ewropej;
- nibnu inventarji tal-emissjonijiet tat-trasport ġeografikament speċifiċi;
- ninfurmaw il-proċess għat-titjib tal-effikaċja ambjentali tal-avjazzjoni internazzjonali u tat-trasport marittimu, u l-inklużjoni tagħhom f'reġim post-Kyoto dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, permezz tal-provvista ta' informazzjoni rilevanti li tiffoka l-aktar fuq l-emissjonijiet ta' inkwinaturi tal-arja u ta' gassijiet li jikkawżaw l-effett serra; u
- niżviluppaw xenarji għal sistema ta' trasport sostenibbli, li jeżaminaw l-effikaċja enerġetika, il-mobilità sostenibbli u l-aċċess, u sinerġiji mal-iżvilupp reġjonali u tal-madwar permezz tal-identifikazzjoni u tal-karatterizzazzjoni ta' varjeta' possibbli ta' miżuri, teknoloġiji, għażliet ta' ġestjoni tat-talba u ta' mġiba tal-utenti, b'kooperazzjoni mal-industrija tat-trasport, maċ-ĊKR u mas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea.

# Qasam strateġiku 3 Valutazzjoni ambjentali integrata



Hemm talba li qiegħda tiżdied sabiex isiru, jew li wieħed jikkontribwixxi għal, valutazzjonijiet ambjentali ta' żoni ġeografiċi differenti fl-Ewropa, fil-pajjiżi fil-qrib u fid-dinja kollha. Dawn il-valutazzjonijiet huma meħtieġa sabiex jgħinu li jiġi strutturat, appoġġjat u evalwat il-progress ta' medda kbira ta' proċessi politiċi. Qiegħda wkoll tikber it-talba biex jiġu inklużi l-informazzjoni ekonomika, il-prospetti li jħarsu lejn il-futur u jiġu indirizzati l-inċertezzi. Madankollu, din iż-żieda fin-numru u fil-varjetà tal-valutazzjonijiet qiegħda twassal għal ineffiċjenzi, sovrappożizzjonijiet u inkonsistenzi, li jistgħu jikkompromettu l-effikaċja tagħhom.

B'konformità mar-Regolament li jwaqqafha, l-EEA hija obbligata li tippubblika rapport kull ħames snin dwar l-istat u l-prospetti tal-Ambjent Ewropew. Ir-rapport li jmiss mistenni li joħroġ fl-2010. Mill-bidu tagħha, l-EEA ppubblikat ukoll erba' valutazzjonijiet pan-Ewropej, li jkopru l-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant, l-Asja ċentrali u l-Kawkażu, tnejn li jiffokaw fuq il-Mediterran u tnejn fuq l-Artiku. Barra minn hekk, tajna aktar attenzjoni lill-iżvilupp ta' xenarji u lill-istudji ta' previżjoni, lill-evalwazzjoni ekonomika u lill-analiżi storika ta' kwistjonijiet marbuta mal-ambjent u mas-saħħa sabiex jitjiebu l-iżvilupp ta' politiki u t-teħid tad-deċiżjonijiet taħt kundizzjonijiet ta' inċertezza għolja u kumplessità kbira.

Fil-ħames snin li ġejjin, l-EEA sejra tagħti r-rapport u l-valutazzjoni prinċipali fuq ħames snin u, flimkien mal-imsieħba, sejra tiżviluppa u tikkontribwixxi għal valutazzjonijiet reġjonali, pan-Ewropej u globali oħra. Hija sejra timmira wkoll biex tipprovdi bażi b'saħħitha għall-Programm ta' Azzjoni għall-Ambjent tal-UE.

Sabiex jiġi żgurat li dawn il-valutazzjonijiet jappoġġjaw il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-iżvilupp ta' politiki, sejra ssir aktar enfasi fuq erba' elementi:

- analiżi integrata tal-politiki ambjentali u valutazzjonijiet ta' politiki u azzjonijiet nazzjonali u reġjonali sabiex jiġi żgurat il-ħarsien tal-ambjent, pereżempju fit-trasport u fl-infrastruttura, fl-agrikoltura (bijoteknoloġiji u organiżmi transġeniċi) fl-enerġija u l-industrija (produzzjoni u konsum sostenibbli u nanoteknoloġiji) u fis-settur finanzjarju (assigurazzjoni), u fil-kummerċ (distribuzzjoni);

- it-teħid ta' deċiżjoni f'kundizzjonijiet ta' riskju, inċertezza u kumplessità u l-użu ta' għodda għall-appoġġ tad-deċiżjonijiet;

- il-provvista ta' aktar analiżi soċjali u ekonomiċi sabiex jgħinu li titpoġġa l-interkonnessjoni tal-ambjent fix-xejra dominanti tal-ħsieb soċjali; u

- l-intensifikazzjoni tal-użu ta' xenarji u metodi moderni oħra sabiex jappoġġjaw l-iżvilupp ta' futuri sostenibbli.

L-attivitajiet taħt dan il-qasam strateġiku jinsabu taħt ħames temi:

- **Valutazzjoni ambjentali integrata**
- **Valutazzjoni reġjonali u globali**
- **Appoġġ fit-teħid ta' deċiżjonijiet**
- **Ekonomija**
- **Prospetti strateġiċi**

# 3.1 Valutazzjoni ambjentali integrata

**L-objettiv ewlieni tagħna**

Li niżviluppaw, nippubblikaw u nikkomunikaw rapport mill-aktar avvanzat fl-2010 dwar l-istat u l-prospetti tal-ambjent tal-Ewropa u li nistabbilixxu strateġija għat-tul man-netwerks u l-imsieħba tagħna sabiex nikkoordinaw valutazzjonijiet u rapporti globali, reġjonali, tematiċi u settorjali fil-futur.

## Analiżi

L-EEA għandha l-kompitu '*li tippubblika rapport dwar l-istat ta', tendenzi fi, u prospetti dwar, l-ambjent kull ħames snin, issupplimentati b'rapporti indikaturi li jiffukaw fuq suġġetti speċifiċi'* (Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-ħolqien tal-EEA). Ir-rapport tal-istat u l-prospetti tal-ambjent li jmiss għandu joħroġ fl-2010.

Ir-rapporti gwida fuq 5 snin tal-EEA jipprovdu inventarju strateġiku u valutazzjoni li tħares lejn il-futur tal-kwistjonijiet ambjentali fil-kuntest tas-sostenibbiltà fl-Istati Membri tal-UE, fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi potenzjalment kandidati. Ir-rapporti jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' politiki strateġiċi relatati mal-ambjent fuq il-livell Ewropew, għall-evalwazzjoni ta' programmi ta' azzjoni u strateġiji tal-UE u għall-organizzazzjoni tal-aġenda għall-futur.

Is-SOER 2010 ser ikun f'pożizzjoni tajba biex jikkontribwixxi għall-evalwazzjoni tas-Sitt Programm ta' Azzjoni għall-Ambjent u tal-partijiet rilevanti tal-Istrateġija tal-UE għall-Iżvilupp Sostenibbli sabiex jipprovdi prospettiva fuq kwalunkwe programm sussegwenti permezz tax-xejriet li jħarsu 'l quddiem u t-tbassir tiegħu u fuq kwistjonijiet emerġenti.

Fir-rikonoxximent tal-interess wiesa' fis-SOER 2010, ser jiġu mfassla prodotti differenzjati u multimedjali biex jadattaw għal udjenzi differenti, fosthom valutazzjonijiet dwar kwistjonijiet tematiċi u fuq livelli nazzjonali.

Prospettiva ġdida u mtejba dwar il-valutazzjonijiet ser tiġi maħluqa fil-bidu tal-istrateġija ġdida sabiex tippermetti lill-EEA tagħti riżultati matul il-mandat ta' rappurtar ta' ħames snin u twieġeb għal dawn il-bosta talbiet b'mod koerenti, effikaċi u effiċjenti.

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- nikkoordinaw il-kontributi mill-attivitajiet tematiċi kollha, is-SEIS u l-gruppi ewlenin ta' indikaturi fl-Ewropa (inklużi dawk li huma mmaniġġjati mill-Eurostat) sabiex issir valutazzjoni ambjentali tematika integrata bbażata fuq l-indikaturi tax-xejriet u l-prospettivi ambjentali fl-Ewropa;
- nimplimentaw proċess iffukat fuq il-pajjiż għall-iżvilupp ta' analiżijiet tal-pajjiż u skeda ta' valutazzjoni u fuq din il-bażi niżviluppaw valutazzjoni komparattiva orjentata lejn it-tagħlim tal-istat tal-livell ta' azzjoni tal-pajjiż, tas-sitwazzjonijiet u tar-reazzjonijiet;
- intejbu l-komunikazzjoni u t-tixrid tal-valutazzjoni permezz tal-informazzjoni multimedjali, li tkun faċli għall-użu mill-utent u multilingwi;
- nipproduċu valutazzjoni integrata trasversali — li tħares 'il quddiem — tal-kwistjonijiet ambjentali li teżamina kif, fi prospettiva ta' sostenibbiltà, l-interazzjoni bejn il-kwistjonijiet ambjentali u l-iżviluppi soċjoekonomiċi Ewropej u dinjin jistgħu jiżviluppaw taħt varjeta' ta' xenarji possibbli u kif jistgħu jkollhom impatt fuq l-Ewropa, il-pajjiżi ġirien tagħha u partijiet oħra tad-dinja;
- niżviluppaw strateġija għat-tul għal valutazzjonijiet integrati ambjentali fir-reġjun li jkopru ċ-ċiklu kontinwu ta' rappurtar fuq ħames snin u ħtiġijiet oħra ta' valutazzjoni reġjonali, globali u orjentati lejn il-kwistjonijiet.

# 3.2 Valutazzjoni reġjonali u globali

## L-objettiv ewlieni tagħna

Li nippjanaw, inħejju, nikkontribwixxu għal u nagħtu valutazzjonijiet reġjonali bħala appoġġ għal diversi politiki u proċessi politiċi b'mod konformi mal-Istrateġija fuq żmien twil tal-EEA għall-valutazzjonijiet integrati u r-rapputar fuq ħames snin.

## Analiżi

Xejriet ġeografiċi u ambjentali komuni jikkaratterizzaw żoni speċifiċi fl-Ewropa, bħar-reġjuni tal-kosta jew il-ktajjen ta' muntanji. Dawn jikkorrispondu minn naħa għar-realtà tad-diversità tal-pajsaġġ tal-Ewropa u, min-naħa l-oħra, għal xi forma ta' proċessi u politiki mmirati jew aktar inġenerali l-koeżjoni territorjali. Għalhekk, l-analiżi tas-sitwazzjoni ambjentali ta' dawn iż-żoni diversi, bħal dawk tal-kosta u tal-muntanji kif ukoll dawk urbani u rurali, hija bbażata fuq il-karatteristiċi soċjoekonomiċi partikolari taż-żoni differenti u fuq ix-xejriet preżenti u storiċi fl-użu tal-art. Dan għandu konsegwenzi importanti għax bosta politiki u xenarji ta' teħid tad-deċiżjonijiet għandhom jikkunsidraw medda wiesgħa ta' interazzjonijiet; pereżempju t-tixrid urban f'żoni rurali; l-impatt tal-urbanizzazzjoni fiż-żoni tal-kosta fuq is-servizzi tal-ekosistemi; ir-rwol tal-agrikoltura tal-muntanji fiż-żamma tar-raba' li fin-natura hu ta' valur għoli. L-EEA hija involuta fil-produzzjoni ta' għadd ta' valutazzjonijiet reġjonali u proċessi ta' rappurtar dwar l-Istat tal-Ambjent.

L-eżempji jinkludu l-ħidma taħt il-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-Istrateġija għall-Asja Ċentrali; il-koordinament u l-produzzjoni ta' skeda ta' valutazzjoni fil-kuntest tal-proċess għall-Mediterran Horizon 2020, sabiex jitkejjel il-progress fuq il-bażi ta' grupp ta' indikaturi li jkun approvat; il-valutazzjoni globali tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-valutazzjonijiet sabiex jiġi żviluppat proċess regolari għall-valutazzjoni tal-ambjent tal-baħar u, fl-aħħar, valutazzjonijiet speċifiċi għall-Artiku u għall-ekosistemi ewlenin bħall-artijiet mistagħdra u ż-żoni alpini.

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- nipprovdu kollegamenti u aċċess faċli għas-SEIS, għar-Reportnet u l-għodda diversi sabiex isiru valutazzjonijiet integrati biex jippermettu lil oħrajn fil-Komunità inġenerali jagħmlu l-aħjar użu minn dawn l-iżviluppi;
- nikkoperaw mal-Programm ta' Azzjoni għall-Mediterran, mal-Eurostat u msieħba oħra biex jiġi organizzat proċess ta' rappurtar taħt Horizon 2020, jiġu ppubblikati rapporti bijennali ta' kull ħames snin dwar l-ambjent tal-Mediterran;
- nippjanaw u nħejju l-ħames rapport ta' valutazzjoni pan-Ewropew;
- nipparteċipaw fil-valutazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-ambjent tal-baħar, fil-UNEP-GEO, f'attivitajiet oħra tal-UNEP DEWA u valutazzjonijiet oħra tan-NU permezz ta' gruppi ta' esperti u l-presidenza ta' panels;
- nidentifikaw il-ħtiġijiet għal, u nipprovdu valutazzjonijiet speċifiċi magħmulin apposta dwar l-istat tal-ambjent Artiku;
- nidentifikaw il-ħtiġijiet għal, u niżviluppaw valutazzjonijiet rilevanti għall-appoġġ ta' politiki ta' Koeżjoni, tal-ippjanar tal-ispazju u taż-żoni definiti permezz tar-rabta ekoloġika ta' bejniethom (pereżempju l-kosti, l-ibħra interni, żoni urbani, rurali u dawk tal-muntanji); u
- intejbu l-komunikazzjoni u t-tixrid dwar l-importanza u l-bażi ta' valutazzjoni integrata permezz ta' informazzjoni multimedjali, li tkun faċli għall-użu mill-utent u multilingwi.

# 3.3 Appoġġ fit-teħid ta' deċiżjonijiet

**L-objettiv ewlieni tagħna**

Li nippromwovu fehim aħjar u aċċettat b'mod usa' dwar l-implikazzjonijiet tax-xjenza tas-sistemi, tal-multikawżalità, tal-inċertezza u tas-sorsi tal-għarfien sabiex jiġi appoġġjat it-teħid ta' deċiżjonijiet fil-pront, parteċipattiv, sod u flessibbli.

## Analiżi

Teżisti sensibilizzazzjoni xjentifika dejjem tiżdied li l-kwistjonijiet ambjentali, ekoloġiċi u dwar is-saħħa huma aktar kumplessi, multikawżali u interkonnessi minn dak li kien maħsub qabel. Ix-xjenza tas-sistemi, id-dinamiki mhux lineari u l-fenomeni tal-limiti huma karatteristiċi tal-parti l-kbira tal-kwistjonijiet ambjentali u tas-saħħa, bħal: it-tibdil fil-klima; l-erba' tipi ta' mard u disturbi prijoritarji tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ambjent u s-Saħħa; is-saħħa tal-ekosistemi; u t-telf tal-bijodiversità. Risposti fil-ħin mill-gvernijiet, u aktar u aktar mis-soċjetà ċivili, għal perturbazzjonijiet f'sistemi ekoloġiċi u bijoloġiċi daqshekk kumplessi jinvolvu li wieħed jieħu azzjoni fuq qawwiet aktar dgħajfa u xi kultant fuq tipi differenti ta' provi (pereżempju l-għarfien awtoktonu, għarfien rilevanti aktar milli dejta preċiża), jekk għandha tinkiseb il-prevenzjoni prekawzjonarja tal-ħsara. Deċiżjonijiet bħal dawn għandhom jittieħdu fid-dawl ta' bażi ta' għarfien usa', li parti minnha tkun ġejja mill-parteċipazzjoni pubblika, appoġġjata minn aktar sensibilizzazzjoni dwar l-effikaċja u l-konsegwenzi ta' azzjonijiet preċedenti, jew in-nuqqas ta' azzjoni fuq kwistjonijiet emerġenti u twissijiet bikrija.

Il-parteċipazzjoni tal-pubbliku u tal-partijiet interessati qiegħda wkoll tiġi rikonoxxuta aktar bħala komponent ta' teħid effikaċi tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet li jitqajmu minn sistemi kumplessi bħal: il-ġestjoni tal-baċir tax-xmajjar; il-valutazzjoni strateġika tal-impatt; l-adattament għat-tibdil fil-klima; il-ġestjoni tal-art; il-protezzjoni tan-natura; l-ippjanar tal-ispazju; l-iżvilupp ta' prospettivi strateġiċi futuri; il-ġestjoni tat-trasport, l-użu tal-ilma, tal-enerġija u tar-riżorsi mil-lat tat-talba u l-monitoraġġ mhux espert tal-bidla ambjentali.

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- niżviluppaw analiżi retrospettivi ta' deċiżjonijiet fil-passat dwar l-ambjent (pereżempju *Late lessons from early warnings*, vol. 2) sabiex nipprovdu bażi ta' għarfien usa' li minnha nistgħu nidentifikaw u nimplimentaw azzjonijiet politiċi futuri fil-pront, sodi u flessibbli;
- nippromwovu monitoraġġ fuq żmien twil ta' parametri milquta mill-ġrajjiet mhux mistennija sabiex inkunu nistgħu nantiċipaw aħjar il-perturbazzjonijiet fis-sistemi bijoloġiċi u dawk tas-saħħa;
- nesploraw diversi metodi għall-kisba ta' parteċipazzjoni pubblika effikaċi fl-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-kwistjonijiet emerġenti dwar l-ekoloġija u s-saħħa;
- niżviluppaw u nużaw għodda ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet f'oqsma ewlenin, bħat-tibdil fil-klima, l-adattament, l-ekosistema, valutazzjonijiet tal-ekosistemi u tal- vulnerabbiltà;
- nanalizzaw u ngħinu biex jiġu armonizzati approċċi aktar trasparenti għall-evalwazzjoni ta' għarfien xjentifiku u forom oħra ta' għarfien, bħall-għarfien awtoktonu, u għall-appoġġ tal-użu usa' tal-prinċipju ta' prekawzjoni;
- intejbu u nissimplifikaw it-terminoloġija li tintuża biex tikkaratterizza r-relazzjonijiet bejn il-kawża u l-effett u l-inċertezzi fis-sistemi ekoloġiċi u bijoloġiċi, billi nħeġġu l-adozzjoni f'ħafna postijiet ta' tali terminoloġija;
- niżviluppaw mal-imsieħba fehim aħjar tat-tipi ta' ġurisprudenza li sejrin jirriflettu b'mod xieraq il-ħtiġijiet tal-ambjent; u
- intejbu s-sensibilizzazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet permezz ta' gruppi ta' ħidma ma' medda wiesgħa ta' partijiet interessati.

## 3.4 Ekonomija

### L-objettiv ewlieni tagħna

Li nappoġġjaw u nipprovdu analiżi ekonomika integrata li tinkludi l-immudellar fuq firxa ta' temi (bijodiversità, tibdil fil-klima, ambjent tal-baħar, ippjanar tal-ispazju, ambjent u saħħa) u kawżi primarji (agrikoltura, trasport, [bijo]enerġija) b'enfasi fuq il-prezz tan-nuqqas ta' azzjoni politika, il-prezz tal-miżuri, il-benefiċċji fit-titjib tal-kwalità tal-ambjent u fis-servizzi ekosistemiċi, u r-rwol u l-impatt tal-għodda bbażati fuq is-suq u r-riforma tat-taxxi ambjentali. Fiċ-ċentru ta' dawn l-attivitajiet ser ikun hemm iż-żamma ta' arkivji tad-dejta.

### Analiżi

Hemm enfasi dejjem tiżdied fuq il-ħsara ekonomika u t-telf tal-benesseri f'każ ta' azzjoni inadegwata jew nuqqas ta' azzjoni. Fl-istess ħin il-politiki u l-miżuri għandhom iwasslu għal soluzzjonijiet effikaċi u bl-inqas spiża. Il-komponent ekonomiku tal-analiżi u l-evalwazzjonijiet ambjentali qiegħed isir aktar b'saħħtu kif indikat fl-iżvilupp ulterjuri ta' metodi bħat-tip ex-ante tal-ispiża tan-nuqqas ta' azzjoni, il-valutazzjonijiet u l-analiżi tal-impatt, u l-evalwazzjonijiet ex-post. L-istrumenti bbażati fuq is-suq qegħdin jiġu rikonoxxuti aktar u aktar bħala għodda potenzjali għall-iffrankar tal-ispejjeż, u r-riforma tat-taxxi ambjentali timmira biex iġġib flimkien l-objettivi ambjentali, fiskali u soċjali.

### Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- niżviluppaw aktar il-ġbir tad-dejta u l-valutazzjonijiet tal-konsegwenzi ekonomiċi tal-azzjoni u tan-nuqqas ta' azzjoni;
- niżviluppaw analiżi integrata tal-forzi ekonomiċi u tal-problemi ambjentali u l-istrumenti politiċi;
- nibnu inventarji u valutazzjonijiet tar-rwol ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq is-suq u riformi tat-taxxi ambjentali;
- nagħmlu stimi relatati mal-prezz tan-nuqqas ta' azzjoni, tal-ħsara — kemm dik kummerċjali kif ukoll dik li mhix — lis-servizzi ekosistemiċi u l-benesseri tal-bniedem bħala kontribut għall-programmi Ewropej ta' valutazzjonijiet ambjentali;
- nagħmlu analiżi integrata tal-konsegwenzi ambjentali u tal-effikaċja tar-riżorsi tal-kawżi primarji ewlenin u tas-soluzzjonijiet, b'enfasi fuq approċċi bbażati fuq is-suq, bħas-swieq tal-karbonju u t-tassazzjoni ambjentali;
- nagħmlu analiżi tar-riforma tat-taxxi ambjentali bħala risposta biex inġibu flimkien b'mod sostentibbli u fuq żmien twil l-objettivi ambjentali, ekonomiċi/fiskali u soċjali; u
- niżviluppaw aktar il-metodoloġiji, fosthom it-trasferiment tal-benefiċċji, biex b'hekk bil-mod ngħollu r-riżultati tal-istudji speċifiċi tal-istima mhux kummerċjali, u l-istima fil-kontabilità tal-art u tal-ekosistema.

# 3.5 Prospetti strateġiċi

## L-objettiv ewlieni tagħna

Li ngħinu fl-estensjoni tat-teħid strateġiku tad-deċiżjonijiet fost il-klijenti u l-imsieħba ewlenin tal-EEA billi niżviluppaw aktar il-valutazzjonijiet ibbażati fuq xenarji f'oqsma speċifiċi, bħall-komponent innovattiv tal-valutazzjonijiet ewlenin tal-EEA, billi nippromwovu azzjonijiet li jibnu l-kapaċità u billi nagħmlu użu aħjar mill-proċessi, informazzjoni u metodi eżistenti biex nipprovdu għażliet magħmulin apposta għall-utenti għall-futur.

## Analiżi

L-importanza tal-istudji futuri u b'mod partikolari tax-xenarji fit-teħid tad-deċiżjonijiet, qegħdin isiru aktar rikonoxxuti filwaqt li l-kumplessità, ir-riskju miżjud u l-inċertezza tal-problemi ambjentali huma stess qegħdin isiru aktar evidenti.

Fl-ewwel snin tal-operat tagħha l-EEA kkonċentrat l-isforz tagħha f'dan il-qasam biex tintegra l-element ta' tbassir tagħha fil-valutazzjonijiet ewlenin tagħha li jkopru l-UE (SOER) u teżamina l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali tal-Komunità permezz ta' analiżi tad-distanza mill-objettivi. Wara l-analiżi ppreżentata fir-rapport fuq ħames snin tal-1999 dwar l-istat u l-prospetti, u r-Regolament emendat, l-EEA ntalbet tintegra komponent ta' tbassir fil-valutazzjonijiet tagħha.

Għalhekk, ix-xogħol tal-EEA ġie estiż lil hinn mir-rapporti tas-SOER, f'oqsma tematiċi u lil hinn mil-leġiżlazzjoni eżistenti u l-fruntieri tal-Ewropa. Matul l-aħħar perjodu ta' strateġija, il-maġġoranza l-kbira tax-xogħol kien jikkonsisti fil-proċessi ta' valutazzjonijiet wiesgħa involuti fir-rapport tal-2005 fuq ħames snin dwar l-istat u l-prospetti u fil-Konferenza ta' Belgrad tal-2007 'Ambjent għall-Ewropa'. Barra minn hekk, saru kontributi għall-proċess ta' *UNEP Global Environmental Outlook*. Barra dan, permezz tax-xogħol fuq ix-xenarji PRELUDE li kien imfaħħar ħafna, intwera b'mod wiesa' l-potenzjal ta' xenarju għal kwistjonijiet ta' qafas fl-istadji tal-bidu taċ-ċiklu tal-politika, u mod kif wieħed jista' jħeġġeġ approċċ strateġiku fil-formulazzjoni ta' politiki.

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- inkomplu nappoġġjaw il-proċessi ta' valutazzjoni tal-EEA li għaddejjin bħalissa u b'mod partikolari l-analiżi futura għas-SOER 2010, u għall-Valutazzjoni tal-Ekosistemi Ewropej (Eureca 2012);
- inħeġġu l-użu ta' xenarji u tekniki ta' tbassir immedjat fit-teħid strateġiku tad-deċiżjonijiet billi niżviluppaw linji gwida, l-aħjar prattika u għodda ta' taħriġ ibbażati fuq il-web;
- nibdew valutazzjonijiet ġodda li jħarsu 'l quddiem/tax-xenarji f'oqsma, reġjuni u temi speċifiċi;
- neżaminaw aktar l-impatti tal-użu attwali u l-effikaċja tax-xenarji fit-teħid strateġiku tad- deċiżjonijiet dwar l-ambjent;
- niżviluppaw aktar is-sistemi ta' informazzjoni permezz tas-SEIS għal informazzjoni li tħares 'il quddiem u niżviluppaw għodda magħmula apposta aħjar għall-ġestjoni tal-informazzjoni li tħares 'il quddiem; u
- insaħħu l-kooperazzjoni mal-pajjiżi u atturi ewlenin oħra fil-qasam (jiġifieri DĠ ENV, ĊKR, Eurostat) bil-għan li jiffurmaw sħubiji strateġiċi b'ċentri ta' għarfien rilevanti u programmi ta' riċerka sabiex jiġi promoss il-ħolqien ta' kapaċitajiet, jitjiebu l-approċċi metodoloġiċi u jiġu estiżi għall-impriżi u għall-NGOs meta jkun il-każ.

# Qasam strateġiku 4 Servizzi tal-informazzjoni u komunikazzjonijiet



It-talba għal informazzjoni li tinftiehem faċilment u tkun aġġornata żdiedet b'mod sinifikanti, anke matul l-istrateġija tal-2004–2008. Din it-talba ġejja kemm minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi kif ukoll miċ-ċittadini Ewropej, li aktar u aktar jixtiequ jaraw trasparenza totali fir-rigward tal-informazzjoni li tiġi pprovduta minn korpi pubbliċi. Flimkien ma' dan l-iżvilupp, l-evoluzzjoni ta' malajr fit-teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni tipprovdilna għodda biex nikkomunikaw b'mod aktar effikaċi.

Matul il-ħames snin li ġejjin l-EEA sejra tipprova tipprovdi lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u liċ-ċittadini tal-Ewropa l-informazzjoni indipendenti li jeħtieġu sabiex jagħmlu għażliet infurmati dwar l-ambjent u żżid is-sensibilizzazzjoni dwar l-ambjent billi nikkomunikaw il-messaġġi tagħna b'mod trasparenti u li jista' jinftiehem lill-aktar udjenza wiesgħa possibbli.

Is-servizzi tal-informazzjoni u l-komunikazzjonijiet tal-EEA huma appoġġjati minn bosta inizjattivi fl-Ewropa kollha li fihom l-EEA tiġi mitluba tipprovdi appoġġ, fosthom is-Sistema Komuni għall-Informazzjoni Ambjentali, id-Direttiva Inspire dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ispazju, il-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-ambjent u l-GMES — il-gwida teknika tal-UE li timmira għat-tijib tal-integrazzjoni tal-monitoraġġ in-situ u bbażat fuq l-ispazju.

Matul l-Istrateġija, l-EEA għandha l-għan li tiżgura li s-sit elettroniku tagħha jsir portal rikonoxxut fid-dinja kollha biex jipprovdi informazzjoni ambjentali rilevanti u fil-ħin dwar l-istat u l-prospetti tal-ambjent fl-Ewropa. L-għan huwa li tipprovdi prodotti u servizzi li jistgħu jinqraw u jintużaw tajjeb u li jkollhom konsistenza fil-messaġġi għall-komunità multilingwi tal-utenti tal-EEA.

Is-sit elettroniku ser jinbdel minn sempliċi kontenitur ta' dokumenti għal sit u portal interattiv li jappoġġja komunikazzjonijiet fiż-żewġ direzzjonijiet u li jista' jkun effikaċi biex jgħin sabiex jitjiebu l-kwalità u t-tixrid tal-edukazzjoni ambjentali.

Aħna sejrin inkomplu niffokaw fuq il-kitba regolari ta' aħbarijiet għall-web u fuq li nużaw bl-aħjar mod it-tekniki multimedjali sabiex inżidu l-konnessjoni u l-impatt tal-messaġġi tal-EEA.

Ix-xogħol f'dan il-qasam strateġiku ser ikun taħt żewġ temi:

- **Sistema ta' Informazzjoni Ambjentali Kondiviża**
- **Komunikazzjonijiet**

# 4.1 Sistema ta' Informazzjoni Ambjentali Kondiviża

**L-objettiv ewlieni tagħna**

Li jiġu modernizzati s-sistemi ta' rappurtar attwali lejn netwerk ta' sistemi deċentralizzati li jipprovdu aċċess online għad-dejta, immexxija kemm jista' jkun qrib is-sors u titjieb il-kwalità u l-informazzjoni fil-pront. L-EEA u l-Eionet sejrin jaħdmu flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u partijiet interessati internazzjonali oħra sabiex tiġi implimentata s-sistema. L-EEA ser tikseb dan billi tibni aktar fuq is-sistemi u l-għodda żviluppati għar-rappurtar (Reportnet), l-inizjattivi emerġenti relatati mal-e-Government, l-Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fl-Ewropa (Inspire), il-GMES, l-Osservazzjoni Globali tad-Dinja (*Global Earth Observation* — GEO) u s-Sistema ta' Sistemi tal-Osservazzjoni Globali tad-Dinja (*Global Earth Observation System of Systems* — GEOSS).

## Analiżi

Fi Frar 2008, il-Kummissjoni Ewropea adottat komunikazzjoni li tipproponi li jitjiebu, jiġu modernizzati u simplifikati s-sistemi preżenti ta' informazzjoni ambjentali permezz tal-ħolqien ta' Sistema ta' Informazzjoni Ambjentali Kondiviża (*European Shared Environmental Information System* — SEIS).

Is-SEIS hija sistema ta' informazzjoni li hi distribwita, integrata, tinsab fuq l-internet u hi ibbażata fuq netwerk ta' fornituri pubbliċi ta' informazzjoni li jaqsmu dejta u informazzjoni ambjentali. Din hija mibnija fuq l-infrastruttura elettronika li teżisti diġà, fuq sistemi u servizzi fl-Istati Membri u istituzzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari dawk tal-EEA u tal-Eionet.

Is-sistema għandha l-għan li torbot aħjar il-flussi kollha ta' dejta u informazzjoni eżistenti relatati mal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam ambjentali, inkluża l-implimentazzjoni tal-infrastruttura għall-informazzjoni ġeografika fl-Ewropa Inspire, u dejta u osservazzjonijiet oħra ta' dak il-ħin relatati ma' prijoritajiet ambjentali emerġenti, u servizzi li ġejjin mill-GMES. Din sejra tipprovdi informazzjoni li wieħed jista' jasal għaliha faċilment — kemm dawk li jfasslu l-politika kif ukoll iċ-ċittadini. Sfida ewlenija sejra tkun l-iżvilupp tas-SEIS bħala pjattaforma li tista' tintuża wkoll għall-komunikazzjoni f'żewġ direzzjonijiet dwar l-ambjent, jiġifieri tippermetti l-utenti li jtellgħu u jaqsmu l-informazzjoni tagħhom ma' oħrajn minn livell lokali sa livell globali.

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- naħdmu flimkien mal-Eionet, il-Kummissjoni Ewropea (l-aktar permezz tal-Grupp tal-Erbgħa u l-għaxar Ċentri ta' Dejta Ambjentali) u ċ-Ċentri Tematiċi Ewropej tal-EEA fuq l-implimentazzjoni ta' din is-sistema distribwita għat-tqassim ta' informazzjoni minn livell lokali sa livell globali bbażata fuq l-interoperabbiltà;
- nadattaw gradwalment ir-Reportnet biex isir għodda biex tappoġġja d-direttiva tar-rappurtar standardizzat rivedut li ġiet proposta u biex jitħaffef il-proċess tad-disponibbiltà ta' dejta online;
- niffukaw fuq il-ġestjoni tad-dejta Ewropea tagħna, fosthom is-simplifikazzjoni tal-flussi tad-dejta prijoritarji mal-Eionet, il-koordinament tal-komponenti in-situ tal-GMES u l-ġestjoni ta' Ħames Ċentri ta' Dejta Ambjentali tematiċi biex noffru għadd kbir ta' gruppi ta' dejta ambjentali Ewropej f'formati adatti għal bosta utenti diversi;
- niżviluppaw aktar l-infrastruttura tad-dejta ġeografika b'konformità mar-regoli futuri ta' implimentazzjoni ta' Inspire, sabiex issir il-bażi ewlenija għas-SEIS;
- niżviluppaw applikazzjonijiet u servizzi relatati mal-monitoraġġ u osservazzjonijiet ambjentali tal-arja, tal-baħar u tal-art bl-użu ta' monitoraġġ imtejjeb in-situ u bbażat fuq l-ispazju li ġej mill-GMES u l-GEO/GEOSS;
- niżguraw iż-żamma u l-ġestjoni tas-sistema, nipprovdu servizzi ta' dejta u ta' informazzjoni ta' kwalità għolja 24 siegħa kuljum; u
- intejbu b'mod kontinwu s-sit elettroniku tagħna tal-EEA, bħala portal ewlieni għall-provvista ta' informazzjoni fil-pront u rilevanti dwar l-ambjent tal-Ewropa.

# 4.2 Komunikazzjonijiet

**L-objettiv ewlieni tagħna**

Li nservu lill-gruppi ewlenin fil-mira tagħna ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u li jinfluwenzaw fl-Ewropa filwaqt li nilħqu l-akbar pubbliku possibbli, billi naħdmu fil-qrib man-netwerks istituzzjonali tagħna fl-Ewropa kollha u ma' mezzi ta' informazzjoni internazzjonali u nazzjonali; li nippromwovu messaġġi strateġiċi tal-EEA b'mod proattiv u reattiv bil-għan li nikkontribwixxu għal aġendi politiċi u pubbliċi; li niżviluppaw aktar materjal edukattiv dwar l-ambjent għaċ-ċittadini Ewropej; li nistabbilixxu komunikazzjoni effikaċi fiż-żewġ direzzjonijiet; li nibdew niddjalogaw ma' gruppi fil-mira sabiex nifhmu l-ħtiġijiet ta' informazzjoni tagħhom; u li nagħtu l-informazzjoni tajba fil-ħin tajjeb, sabiex tagħmel l-aktar impatt qawwi.

## Analiżi

L-istrateġija ta' komunikazzjonijiet tagħna hija dokument ħaj imfassal biex jipprovdi lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-Ewropa u ċ-ċttadini tagħha l-informazzjoni indipendenti li għandhom bżonn biex jagħmlu għażliet infurmati dwar l-ambjent; biex iżid is-sensibilizzazzjoni dwar l-ambjent billi nikkomunikaw il-messaġġi tagħna b'mod trasparenti u li jista' jinftiehem lill-aktar pubbliku wiesa' possibbli; biex iżid is-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-edukazzjoni ambjentali madwar l-Ewropa; u biex ikabbar il-profil tal-Aġenzija u n-netwerk tagħha bħala dawk li jipprovdu l-aktar informazzjoni fil-pront, immirata, rilevanti u affidabbli dwar l-ambjent Ewropew.

## Azzjoni

Aħna sejrin niksbu l-objettiv tagħna billi:

- nadattaw il-produzzjoni tagħna għal bosta finijiet u destinatarji, u nużaw diversi mezzi biex inqassmuha;
- nissodisfaw id-domanda ta' preżentazzjonijiet qosra u li jistgħu jinqraw malajr tal-messaġġi ewlenin tal-produzzjoni tagħna, rekwiżit komuni tal-gruppi ta' destinatarji kollha tagħna, kemm esperti kif ukoll ġeneriċi;
- ninvestu fil-kontenut multimedjali tas-sit elettroniku tagħna sabiex isir portal rikonoxxut fid-dinja kollha għall-provvista ta' informazzjoni ambjentali fil-pront u rilevanti dwar l-istat u l-prospetti tal-ambjent Ewropew;
- nintegraw l-inizjattivi ta' komunikazzjoni tagħna mal-aġendi ambjentali tal-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew, mal-Presidenza attwali tal-Kunsill tal-Ministri u mal-interessi pubbliċi f'reġjuni differenti tal-Ewropa;
- nespandu l-influwenza tagħna biex inkopru aktar setturi li huma involuti fit-tfassil ta' politiki ambjentali, fir-riċerka u l-edukazzjoni, u nissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom ta' informazzjoni ambjentali fejn ikun possibbli;
- insaħħu u nwessgħu n-netwerk tal-mezzi ta' informazzjoni tagħna u nużawha biex inżidu l-effett tal-messaġġi tagħna u nkabbru l-viżibiltà tal-Aġenzija bħala waħda ewlenija għall-provvista ta' informazzjoni ambjentali;
- nibnu programm ta' komunikazzjonijiet min-naħa għall-oħra fl-Aġenzija, inħeġġu komunikazzjonijiet interni b'saħħithom u taħriġ fil-komunikazzjoni għall-persunal tal-EEA;
- nimplimentaw approċċ aktar immirat għall-mezzi ta' informazzjoni billi nagħżlu l-midja li nixtiequ naħdmu biha skont il-messaġġi li rridu nikkomunikaw u l-grupp fil-mira li rridu nilħqu;
- noħolqu materjal edukattiv speċjali bbażat fuq il-web;
- insaħħu l-komunikazzjoni ma' destinatarji żgħażagħ billi ningranaw il-messaġġi ewlenin tal-EEA għal prodotti varji adatti għat-tfal u għal finijiet edukattivi usa'; u
- insegwu l-effikaċja tal-attivitajiet tagħna sabiex niżguraw komunikazzjoni u djalogu fiż-żewġ direzzjonijiet.

# Tbassir tal-baġit

| Baġit | | | |
|---|---|---|---|
| **Sena** | **Sussidju bażi tal-UE** | **Kontribuzzjoni mill-pajjiżi mhux membri tal-UE** | **Baġit totali** |
| 2009 | 34 560 000 | 5 067 000 | 39 627 000 |
| 2010 | 35 251 000 | 5 101 173 | 40 352 173 |
| 2011 | 35 956 020 | 5 135 976 | 41 091 996 |
| 2012 | 36 675 140 | 5 171 415 | 41 846 555 |
| 2013 | 37 408 643 | 5 207 500 | 42 616 144 |

| Persunal | |
|---|---|
| **Sena** | **Persunal statutorju totali** |
| 2009 | 178 |
| 2010 | 183 |
| 2011 | 183 |
| 2012 | 183 |
| 2013 | 183 |

## Kundizzjonijiet u suppożizzjonijiet estremi tal-baġit

- Żieda ta’ 2 % fis-sussidju bażi tal-UE.
- Il-baġit totali ma jinkludix dħul diġà assenjat minn Direttorati Ġenerali oħra: dan jinkludi GMES EUR 3 miljun (2009–2012) u PEV EUR 5 miljun (2009–2012).
- Ġew inklużi ħames aġenti oħra b’kuntratt għall-GMES għall-perjodu 2010–2013.

Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent

**L-Istrateġija tal-EEA 2009–2013**
**Programm ta' Ħidma Multiannwali**

Il-Lussemburgu: Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

2009 — 42 pp. — 21 x 29.7 cm

ISBN 978-92-9213-019-0
DOI 10.2800/16576

TH-80-09-543-MT-C
DOI 10.2800/16576

Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent
Kongens Nytorv 6
1050 Kopenħagen K
Id-Danimarka

Tel.: +45 33 36 71 00
Fax: +45 33 36 71 99

Web: eea.europa.eu
Mistoqsijiet: eea.europa.eu/enquiries

Publications Office

ISBN 978-92-9213-019-0

L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent